REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2337

tal-24 ta' Novembru 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1452 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament Bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ

(1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 248/2011 ([2]), il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ ("GFR", Glass Fibre Reinforcements) bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew "iċ-Ċina", jew "il-pajjiż ikkonċernat"). Id-dazju, ibbażat fuq il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu, varja minn 7,3 % sa 13,8 %.

(2) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 1379/2014 ([3]), wara investigazzjoni antisussidji u rieżami interim parzjali tal-miżuri anti-dumping, il-Kummissjoni emendat id-dazju anti-dumping oriġinali għal valuri li jvarjaw minn 0 % sa 19,9 % u imponiet dazju kumpensatorju addizzjonali li jvarja minn 4,9 % sa 10,3 %. Il-miżuri kumpensatorji u anti-dumping ikkombinati li jirriżultaw varjaw minn 4,9 % sa 30,2 %.

(3) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/724 ([4]), wara rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping, il-Kummissjoni żammet dawn il-miżuri kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 1379/2014.

(4) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/328 ([5]), wara rieżami ta' skadenza tal-miżuri kumpensatorji, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm dawn il-miżuri kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 1379/2014.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.

([2]) Ir-Regolament Implimentattiv tal-Kunsill (UE) Nru 248/2011 tad-9 ta' Marzu 2011 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 67, 15.3.2011, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/248/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1379/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament Implimentattiv tal-Kummissjoni (UE) Nru 248/2011 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/1379/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/724 tal-24 ta' April 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 107, 25.4.2017, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/724/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/328 tal-24 ta' Frar 2021 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 65, 25.2.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/328/oj).

(5) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/1452 ([6]), wara rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm dawn il-miżuri kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 1379/2014.

(6) Il-miżuri kumpensatorji u anti-dumping ikkombinati li jirriżultaw għalhekk ivarjaw minn 4,9 % sa 30,2 %.

(7) Hemm fis-seħħ ukoll miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-GFR li joriġinaw mill-Eġittu, imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/870 ([7]) wara investigazzjoni antisussidji. Id-dazju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu, ibbażat fuq il-livell tas-sussidjar, huwa ta' 13,1 %.

1.2. **Investigazzjonijiet oħra li għaddejjin dwar l-istess prodott**

(8) Fit-30 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni bdiet rieżami interim parzjali, limitat għad-dannu, tal-miżuri antisussidji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' GFR li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([8]).

(9) Fis-17 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni bdiet proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-GFR li joriġinaw mill-Bahrain, mill-Eġittu u mit-Tajlandja. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([9]).

1.3. **Bidu**

(10) Fit-30 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet rieżami interim tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-GFR li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina abbażi tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([10]) ("in-Notifika tal-Bidu").

(11) Il-Kummissjoni bdiet dan ir-rieżami wara talba ppreżentata fit-3 ta' Ġunju 2024 minn Glass Fibre Europe ("l-applikant"). It-talba għal rieżami saret f'isem l-industrija tal-Unjoni tal-GFR skont it-tifsira tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. It-talba għal rieżami kien fiha evidenza ta' bidliet ta' natura dejjiema fl-istruttura tal-industriji tar-RPĊ u tal-Unjoni tal-GFR, kif ukoll id-dumping u d-dannu materjali li jirriżulta, li kienet suffiċjenti biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.4. **Partijiet interessati**

(12) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament informat lill-applikant, lil produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa fir-RPĊ kif ukoll lill-awtoritajiet tar-RPĊ, lil importaturi magħrufa, lill-utenti kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

(13) Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni tar-rieżami u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1452 tat-13 ta' Lulju 2023 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 179, 14.7.2023, p. 57, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1452/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/870 tal-24 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju kumpensatorju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu, u li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu (ĠU L 201, 25.6.2020, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/870/oj).

([8]) Notifika ta' bidu ta' rieżami interim parzjali tal-miżuri antisussidji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu ("GFR") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, (ĠU C, C/2024/5343, 30.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5343/oj).

([9]) Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jirrigwarda l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu ("GFR") li joriġinaw mill-Bahrain, mill-Eġittu u mit-Tajlandja, (OJ C, C/2025/1135, 17.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1135/oj).

([10]) Notifika ta' bidu ta' rieżami interim tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu ("GFR") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, (OJ C, C/2024/5344, 30.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5344/oj).

1.5. **Proċedura sussegwenti**

(14) Il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati kollha bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kienet beħsiebha timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-GFR li joriġinaw mir-RPĊ. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni. Il-kummenti sottomessi minn Glass Fibre Europe, Proxim, Jiangsu Changhai Composite Materials Holding Co., Ltd. u Jushi Group Co., Ltd. wara d-divulgazzjoni ġew indirizzati fit-taqsima rilevanti ta' hawn taħt.

(15) Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw ukoll din l-opportunità. Saru seduti ta' smigħ ma' Glass Fibre Europe, Jiangsu Changhai Composite Materials Holding Co., Ltd. u Jushi Group Co., Ltd.

(16) Wara d-divulgazzjoni msemmija fil-premessa (14), il-Kummissjoni sussegwentement għamlet divulgazzjoni finali addizzjonali lill-partijiet interessati kollha. Din id-divulgazzjoni addizzjonali kien fiha sejbiet u kunsiderazzjonijiet aġġornati. Il-partijiet ingħataw l-opportunità li jikkummentaw dwar din id-divulgazzjoni addizzjonali, u l-kummenti li waslu ġew indirizzati fit-taqsima rilevanti ta' hawn taħt.

1.6. **Asserzjonijiet dwar il-bidu**

(17) Ma wasal l-ebda kumment dwar il-bidu.

1.7. **Kampjunar**

(18) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.7.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(19) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet kampjun ta' produtturi tal-Unjoni b'mod proviżorju. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-akbar volum ta' produzzjoni u bejgħ matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024 irrapportat mill-produtturi tal-Unjoni fil-kuntest tal-analiżi tal-valutazzjoni permanenti ta' qabel il-bidu. Il-kampjun kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw aktar minn 60 % tal-volum totali stmat tal-produzzjoni u aktar minn 69 % tal-bejgħ totali stmat tal-prodott simili fl-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Ma wasal l-ebda kumment. Il-kampjun tqies rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

1.7.2. *Kampjunar ta' importaturi mhux relatati*

(20) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx neċessarju u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu.

(21) L-ebda importatur mhux relatat ma wieġeb għall-formola tal-kampjunar. Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx neċessarju.

1.7.3. *Kampjunar tal-produtturi esportaturi*

(22) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx neċessarju u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(23) Erba' produtturi esportaturi/gruppi fir-RPĊ ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun magħmul minn żewġ produtturi esportaturi/gruppi abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa u kkonċernati kollha, u l-awtoritajiet tar-RPĊ ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Il-kampjun inizjali kien jikkonsisti minn Jushi Group u Jiangsu Changhai Composite Materials Holding Co., Ltd ("Jiangsu Changhai"). Taishan Fiberglass Group, grupp ta' produtturi esportaturi inizjalment mhux inkluż fil-kampjun, issottometta kummenti dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' waħda mill-kumpaniji inizjalment inklużi fil-kampjun, Jushi Group, permezz taċ-China National Building Materials Group (magħruf ukoll bħala "CNBM" jew "CNBM Group").

(24) Fl-20 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni nnotifikat lill-partijiet interessati kollha li l-kampjun proviżorju kien inbidel, u li Taishan Fiberglass Group u Jushi Group kienu se jiġu ttrattati bħala kumpaniji relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([11]), u kienu se jitqiesu bħala parti mill-istess grupp, CNBM Group. Għalhekk, il-kampjun finali kien jikkonsisti minn CNBM Group u Jiangsu Changhai, li jirrappreżentaw 98 % tal-volum tal-esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni. Ma wasal l-ebda kumment dwar il-kampjun definittiv.

1.8. **Eżami individwali**

(25) L-ebda kumpanija ma ressqet talba għal eżami individwali.

1.9. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(26) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ").

(27) Il-Kummissjoni ppubblikat online ([12]) l-kwestjonarji għall-produtturi esportaturi, l-utenti, l-importaturi mhux relatati u l-produtturi tal-Unjoni.

(28) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mit-tliet produtturi tal-Unjoni kollha magħżula fil-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni, żewġ utenti u l-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun u n-negozjanti relatati tagħhom fl-Unjoni.

(29) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li hija qieset neċessarja għad-determinazzjoni tad-dumping, tad-dannu li jirriżulta u tal-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

- Produtturi tal-Unjoni:
  - 3B Fibreglass Company Sprl, Battice, il-Belġju;
  - European Owens Corning Fiberglas SPRL, Watermael-Boitsfort, il-Belġju;
  - Johns Manville Slovakia, Trnava, is-Slovakkja.
- Produtturi esportaturi fir-RPĊ:
  - China National Building Material Group Co. Ltd. ("CNBM" jew "CNBM Group"), li jikkonsisti minn:
    - Jushi Group Co., Ltd.;
    - Jushi Group Chengdu Co., Ltd.;
    - Jushi Group Jiujiang Co., Ltd.;
    - Taishan Fiberglass Inc.;
    - Taishan Fiberglass Zoucheng Co., Ltd.;
    - Taishan Fiberglass Zibo, Inc.;
  - Jiangsu Changhai Composite Materials Holding Co., Ltd. ("Jiangsu")
- Negozjanti relatati ma' CNBM li jinsabu fir-RPĊ u f'Hong Kong, SAR:
  - Jushi Hong Kong Co., Ltd.;
  - China Jushi Co., Ltd.;

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj).

([12]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2749.

— Negozjanti relatati ma' CNBM li jinsabu fl-Unjoni:

— Jushi Italia Srl.;

— Jushi Spain SA;

— Jushi France SAS.

1.10. **Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u perjodu kkunsidrat**

(30) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu kkunsidrat").

2. **PRODOTT TAĦT RIEŻAMI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Prodott taħt rieżami**

(31) Il-prodott taħt rieżami huwa trofof tal-fibra tal-ħġieġ imqattgħin, mhux itwal minn 50 mm; faxex tal-fibra tal-ħġieġ, għajr faxex tal-fibra tal-ħġieġ li huma imprenjati u miksija u li jkollhom telf mat-tqabbid bin-nar ta' aktar minn 3 % (kif iddeterminat mill-Istandard tal-ISO 1887); u twapet magħmula minn filamenti tal-fibra tal-ħġieġ esklużi twapet tas-suf tal-ħġieġ, ("il-prodott taħt rieżami"), li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7019 11 00, ex 7019 12 00, 7019 14 00 u 7019 15 00 (il-kodiċijiet TARIC 7019 12 00 22, 7019 12 00 25, 7019 12 00 26, 7019 12 00 39). Il-kodiċijiet NM u TARIC huma pprovduti għall-fini ta' informazzjoni biss mingħajr preġudizzju għal bidla sussegwenti fil-klassifikazzjoni tariffarja.

(32) Il-prodott taħt rieżami huwa l-materja prima li ħafna drabi tintuża biex jissaħħu r-reżini termoplastiċi u li jibbiesu bis-sħana fl-industrija tal-materjali kompożiti. Il-materjali kompożiti li jirriżultaw (plastik imsaħħaħ bil-fibra tal-ħġieġ bil-filament) jintużaw f'għadd kbir ta' industriji: l-industrija tal-karozzi, tal-elettriku/elettronika, l-irdieden tal-imtieħen tar-riħ, il-bini/kostruzzjoni, tankijiet/pajpijiet, oġġetti tal-konsum, ajruspazjali/militari, eċċ.

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(33) Il-prodott ikkonċernat huwa l-prodott taħt investigazzjoni u li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat").

2.3. **Prodott simili**

(34) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott taħt investigazzjoni prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż ikkonċernat; u

— il-prodott taħt investigazzjoni prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(35) F'dan l-istadju l-Kummissjoni ddeċidiet li, għaldaqstant, dawk il-prodotti huma prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.4. **Asserzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott**

(36) Wara d-divulgazzjoni, Glass Fibre Europe ppreżentat kummenti dwar l-ambitu tal-prodott tal-miżuri.

(37) Dawn il-kummenti waslu wara l-iskadenza stabbilita għas-sottomissjoni tal-kummenti dwar id-divulgazzjoni finali. Barra minn hekk, ir-rieżami interim kien limitat għall-eżami tad-dumping u l-ħsara.

(38) Peress li s-sottomissjonijiet waslu barra l-limitu ta' żmien preskritt, il-Kummissjoni ma kkunsidrathomx u ċaħdet it-talba.

3. **BIDLIET TA' NATURA DEJJIEMA**

3.1. **Bidliet ta' natura dejjiema fl-istruttura tal-industrija u s-suq tal-GFR Ċiniżi**

(39) F'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni analizzat jekk il-bidla fiċ-ċirkostanzi fir-rigward tad-dumping u tad-dannu setgħetx raġonevolment titqies li hija ta' natura dejjiema.

(40) Fit-talba, l-applikanti sostnew li l-bidliet dejjiema li jikkonċernaw id-dumping kienu relatati ma' bidla sinifikanti fl-istruttura tal-industrija tal-GFR Ċiniża, żieda fil-volum tal-produzzjoni, fil-kapaċità tal-produzzjoni u fil-kapaċità tal-produzzjoni ta' riżerva tal-prodott taħt rieżami fir-RPĊ, u l-kapaċità żejda massiva li tirriżulta u l-pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni.

(41) Il-Kummissjoni nnotat li f'kull rieżami ta' skadenza mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/724, id-data dwar il-kapaċità żejda tal-GFR fiċ-Ċina kkonfermat żieda sinifikanti fil-kapaċità żejda, minn 150 000 MT fl-2015 ([13]), sa 1,1 miljun MT fl-2021 ([14]).

(42) Fid-dawl tad-data li tappoġġa l-argument ta' żieda dejjiema fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-GFR fir-RPĊ, l-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-produtturi esportaturi li kkooperaw ġiet investigata u vverifikata. Il-produtturi esportaturi kollha li kkooperaw inklużi fil-kampjun irrapportaw żidiet fil-kapaċità tal-produzzjoni, li minn 1,5 miljun tunnellata fl-2016 saru 4,1 miljun tunnellata matul l-RIP (Review Investigation Period). Bejn l-2020 u l-2021, fl-eqqel tal-pandemija tal-COVID-19 u l-lockdowns, il-produtturi tal-GFR Ċiniżi setgħu jżidu l-output tal-produzzjoni tagħhom b'aktar minn miljun tunnellata f'sena waħda biss.

(43) Huwa mfakkar li l-GTĊ ma kkooperax f'dan ir-rieżami. Għalhekk, il-Kummissjoni bbażat fuq l-informazzjoni li tinsab fit-talba għal rieżami biex tistabbilixxi d-domanda domestika Ċiniża għall-GFR. Abbażi ta' dan, id-domanda domestika Ċiniża għall-GFR ammontat għal madwar 3,1 miljun tunnellata bejn l-2023 u l-2024, li tissarraf f'kapaċitajiet żejda ta' mill-inqas miljun tunnellata meta mqabbla mad-data vverifikata sottomessa mill-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun biss. Meta jitqiesu produtturi esportaturi Ċiniżi oħra, bħal Chongqing Polycomp International Corp., ([15]) Shandong Fiberglass Group Corp. Ltd ([16]) u Chongqing Sanlei Fiberglass Co. Ltd., ([17]) u ż-żidiet imħabbra fil-kapaċità tagħhom, il-kapaċitajiet żejda Ċiniżi jistgħu jkunu ogħla minn 2 miljun tunnellata.

(44) Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi kollha inklużi fil-kampjun irrapportaw investimenti reċenti fi fran u linji ta' produzzjoni ġodda, bil-ftuħ ta' żewġ impjanti tal-manifattura ġodda minn CNMB Group f'Taiyuan ([18]) u f'Huai'an ([19]), u żieda fil-kapaċità tal-manifattura b'aktar minn 800 000 tunnellata fis-sena.

3.2. **Bidliet ta' natura dejjiema fl-istruttura tal-industrija u s-suq tal-Unjoni**

(45) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni indikat li l-bidliet dejjiema li jikkonċernaw id-dannu kienu relatati ma' bidliet sinifikanti fl-istruttura tal-industrija tal-Unjoni minħabba l-pressjoni aggressiva dejjem akbar tal-importazzjonijiet Ċiniżi f'termini ta' kwantitajiet u prezzijiet ikkawżati mill-kapaċitajiet żejda tal-GFR Ċiniżi.

([13]) ĠU L 107, 25.4.2017, il-premessa (49).
([14]) ĠU L 179, 14.7.2023, il-premessa (183).
([15]) Abbażi tad-data sottomessa fl-eżerċizzju tal-kampjunar.
([16]) Ara Shandong glass fiber: in 2025, the output of glass fiber and products will reach 1 million tons, EqualOcean. Disponibbli fuq: https://equalocean.com/briefing/20220623230146629.
([17]) Ara s-sit web tal-preżentazzjoni tal-kumpanija, fejn tiddikjara li "qiegħda tippjana li tinvesti total ta' 5 biljun yuan biex tibni bażi tal-produzzjoni tal-fibra tal-ħġieġ b'output annwali ta' 500 000 tunnellata. L-ewwel fażi tal-proġett se tibni żewġ linji ta' produzzjoni ta' forn b'riżerva fuq skala kbira b'kapaċità totali ta' 200 000 tunnellata u żewġ linji ta' produzzjoni ta' materjali kompożiti ta' twapet ta' bċejjeċ imqattgħin b'kapaċità totali ta' 10 000 tunnellata. L-ewwel linja ta' produzzjoni ta' 85 000 tunnellata tqabbdet u ddaħħlet fil-produzzjoni fl-24 ta' Novembru 2017, u t-tieni linja ta' produzzjoni ta' 120 000 tunnellata tqabbdet u ddaħħlet fil-produzzjoni fis-27 ta' Ġunju 2022". Disponibbli fuq http://sanleiglassfiber.com/?aboutus/.
([18]) Ara s-sit web taċ-China Composite Materials Industry Association disponibbli fuq Annual output of 600,000 tons of glass fiber! Taishan Glass Fiber Taiyuan Project is progressing in an orderly manner_China Composite Materials Industry Association official website.
([19]) Ara https://www.cnbm.com.cn/EN/000000160001/68057.html u https://www.jushi.com/business/group/huaian-company-847.html.

(46) L-investigazzjoni kkonfermat li l-kapaċità żejda persistenti fiċ-Ċina, flimkien ma' pprezzar aggressiv, xekklu b'mod sinifikanti t-tkabbir tal-industrija tal-Unjoni tal-GFR. Il-produtturi tal-Unjoni mmaniġġjaw biss żidiet limitati fil-kapaċità billi ottimizzaw il-faċilitajiet eżistenti. Wara l-implimentazzjoni ta' miżuri kummerċjali addizzjonali fl-2014, l-esportazzjonijiet Ċiniżi komplew jeżerċitaw pressjoni fuq is-suq tal-Unjoni, u dan wassal għall-ħruġ ta' diversi produtturi mis-suq. Fl-2009, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali, kien hemm 11-il produttur tal-GFR fl-Unjoni. Sal-2021, bil-bidu tal-perjodu kkunsidrat, dan l-għadd kien naqas għal għaxra. B'mod partikolari, P-D Glasseiden waqqfet il-produzzjoni fil-Ġermanja fl-2019. Aktar reċentement, Krosglass waqqfet il-produzzjoni tal-GFR f'Lulju 2023 biex tiffoka fuq attivitajiet downstream. Barra minn hekk, NEG NL iddikjarat falliment ([20]) prinċipalment minħabba ż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija u t-tnaqqis fid-domanda mis-settur awtomobilistiku, li kien is-suq finali ewlieni għall-prodotti tal-ħġieġ tal-fibra ottika tiegħu. Dan l-għeluq addizzjonali b'hekk naqqas l-għadd ta' produtturi għal tmienja biss. B'mod parallel, Electric Glass Fiber UK waqqfet il-produzzjoni tal-GFR ([21]) fl-2025. Filwaqt li mill-1 ta' Jannar 2021 ir-Renju Unit ma baqax parti mill-Unjoni Ewropea, dan l-iżvilupp ma jbiddilx l-għadd ta' produtturi tal-Unjoni, għalkemm inaqqas il-provvista reġjonali disponibbli u jifforma parti mill-bidliet dejjiema li jaffettwaw is-suq tal-Unjoni.

(47) Meta wieħed iħares lejn l-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni, filwaqt li l-kapaċità fis-suq tal-Unjoni ġiet ivvalutata biss għall-produtturi inklużi fil-kampjun fl-investigazzjoni oriġinali u ma tistax tintuża bħala punt ta' referenza f'dan ir-rigward, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni ġiet stmata għal 725 960 tunnellata fl-2015 fir-rieżami ta' skadenza tal-2017 tal-miżuri anti-dumping ([22]). B'kuntrast ma' dan, fl-investigazzjoni kurrenti, il-kapaċità naqset minn 711 692 tunnellata fl-2021 għal 651 196 tunnellata fl-RIP (–9 %), jiġifieri madwar 10 % taħt il-livell tal-2015 li kien instab fl-investigazzjoni oriġinali. Anke meta l-produttur tar-Renju Unit ma jitqiesx fl-indikaturi ta' wara l-Brexit, ix-xejra 'l isfel relatata mal-kapaċità tal-produzzjoni ġiet ikkonfermata.

(48) Meta titqabbel id-data disponibbli mill-investigazzjoni oriġinali, il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 737 818-il tunnellata fl-2006 għal 520 064 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni, bi tnaqqis tas-sehem mis-suq minn 75,1 % għal 69,5 % matul l-istess perjodu. B'kuntrast ma' dan, fl-investigazzjoni kurrenti l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas għal 337 898 tunnellata fl-RIP bi tnaqqis tas-sehem fis-suq għal 40 % fl-RIP. Dan juri li l-bejgħ tal-Unjoni issa laħaq livelli ferm inqas minn dawk ta' nofs is-snin 2000 u, aktar importanti minn hekk, dak is-sehem mis-suq naqas b'madwar 30 punt perċentwali, li jindika erożjoni dejjiema tal-pożizzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(49) Is-sitwazzjoni fis-suq tal-Unjoni ġiet affettwata wkoll mill-istabbiliment ta' kumpaniji Ċiniżi li jipproduċu l-GFR f'pajjiżi terzi bħall-Eġittu u l-Bahrain ([23]). Wara l-istabbiliment tal-kumpaniji fl-Eġittu, il-Kummissjoni imponiet dazji kumpensatorji fuq l-importazzjonijiet tal-GFR mill-Eġittu ([24]) bl-għan li jiġu rrestawrati kundizzjonijiet ekwi fid-dawl tal-importazzjonijiet issussidjati li jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, kien hemm żidiet addizzjonali tal-kapaċità fil-produzzjoni tal-GFR fl-Eġittu ([25]) u fil-Bahrain ([26]). Minkejja l-miżuri meħuda kontra l-importazzjonijiet tal-GFR mir-RPĊ, l-industrija tal-Unjoni baqgħet taħt pressjoni persistenti minn influssi rikorrenti ta' GFR innegozjati b'mod inġust li ġejjin minn għadd dejjem akbar ta' pajjiżi terzi, inklużi faċilitajiet ikkontrollati miċ-Ċina fil-Bahrain u fl-Eġittu, li żiedu s-sehem mis-suq tagħhom fis-suq tal-Unjoni b'mod sinifikanti. Fis-17 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni bdiet proċediment anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-GFR li joriġinaw mill-Bahrain, mill-Eġittu u mit-Tajlandja ([27]).

(50) Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll li seħħew bidliet strutturali fis-swieq tal-enerġija tal-Unjoni. Għalkemm il-kostijiet tal-enerġija kienu naqsu mill-ogħla livell tagħhom fl-2022 sa tmiem l-RIP, dawn baqgħu ogħla mil-livelli prevalenti fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat. Il-Kummissjoni qieset li huwa improbabbli li l-prezzijiet tal-gass jerġgħu lura jew jistabbilizzaw bis-sħiħ fil-livelli osservati sa nofs l-2021. Minn dik is-sena, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li qabel kienu jibbażaw fuq l-importazzjonijiet tal-gass naturali mill-pipelines tar-Russja naqqsu tali dipendenza b'mod progressiv. Wara l-aggressjoni militari mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha saħħew u aċċelleraw miżuri biex jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija u biex jeliminaw id-dipendenza fuq il-gass Russu. F'dan il-kuntest, ġew ippjanati jew qegħdin jinbnew mill-inqas 17-il terminal ġdid tal-LNG ([28]). Minħabba l-iskala tal-investiment meħtieġ għall-infrastruttura tal-LNG u l-impenn ċar tal-Unjoni

([20]) https://pdf.irpocket.com/C5214/cXlT/CQ9H/RQLv.pdf ikkonsultat fit-22 ta' Awwissu 2025.
([21]) https://www.ft.com/content/345784e3-a9ce-4808-8f02-8919920c0ac6 ikkonsultat fit-22 ta' Awwissu 2025.
([22]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 4, il-premessa 95.
([23]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 5.
([24]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 7.
([25]) https://www.jeccomposites.com/news/spotted-by-jec/jushi-egypt-completes-the-construction-of-its-fourth-glass-fiber-production-line/?news_type=announcement,business&tax_product=glass-fiber ikkonsultat fit-22 ta' Awwissu 2025.
([26]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 6, il-premessa 111.
([27]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 9.
([28]) https://www.ft.com/content/16031b21-cb2f-40c7-a77d-1ac061196264 ikkonsultat fit-22 ta' Awwissu 2025.

li ttemm id-dipendenza fuq il-gass bil-pipeline Russu ([29]), il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa improbabbli ħafna li l-Unjoni terġa' tibda takkwista l-gass Russu fil-volumi u bil-prezzijiet li kienu jipprevalu qabel l-2021. Għaldaqstant, irid ikun mistenni li l-prezzijiet tal-gass se jibqgħu ogħla b'mod dejjiemi minn dawk li ġew osservati sal-ewwel nofs tal-2021.

(51) Il-Kummissjoni nnotat li l-industrija tal-Unjoni topera f'kuntest ta' obbligi ambjentali u relatati mal-enerġija dejjem aktar stretti. Fid-dokument ta' pożizzjoni tiegħu tal-2023, l-applikant wissa li l-produtturi tal-GFR tal-Unjoni jiffaċċjaw kostijiet operazzjonali li qegħdin jiżdiedu marbuta mal-konformità ambjentali u tal-enerġija ([30]). F'dan ir-rigward, valutazzjoni reċenti taċ-ċiklu tal-ħajja li tkopri madwar 95 % tal-produzzjoni tal-Unjoni ta' materjali tal-fibra tal-ħġieġ uriet li l-manifattura ta' kilogramma ta' drapp tinvolvi impronta ambjentali medja ta' 2,2 kg ta' emissjonijiet ta' CO_2 u 39 MJ ta' konsum ta' enerġija primarja ([31]). Bejn l-2015 u l-2021, il-konsum tal-enerġija fl-industrija kollha naqas bi 8 % u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra bi 3 %. Dawn iċ-ċifri jindikaw li, filwaqt li nkiseb xi progress, aktar tnaqqis se jirrikjedi investimenti sostanzjali addizzjonali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali, inkluża d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]) kif emendata bid-Direttiva (UE) 2024/1785 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([33])), kif ukoll miżuri oħra dwar il-klima u l-ekonomija ċirkolari li jiffurmaw parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, hija mistennija li twassal għal kostijiet addizzjonali ta' konformità għall-produtturi tal-Unjoni. Meħuda flimkien, dawn is-sejbiet jikkonfermaw li l-kostijiet ambjentali għall-industrija tal-Unjoni huma mistennija li jiżdiedu fis-snin li ġejjin. Dan jikkostitwixxi bidla dejjiema fl-istruttura tal-kostijiet tal-industrija tal-Unjoni.

(52) Il-Kummissjoni tfakkar li l-prodott ikkonċernat jintuża prinċipalment bħala materjal tat-tisħiħ fil-produzzjoni tal-materjali kompożiti. Aktar minn 95 % tad-domanda tal-fibra tal-ħġieġ fl-Unjoni hija marbuta ma' tali applikazzjonijiet tat-tisħiħ. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin, is-suq tal-Unjoni tal-materjali kompożiti ċkien. Il-volumi tal-produzzjoni tal-plastik imsaħħaħ bil-fibra tal-ħġieġ fl-Ewropa naqsu b'9 % fl-2022 u bi 8 % addizzjonali fl-2023 ([34]), u dan wassal għal tnaqqis fl-output totali għal 2,4 miljun tunnellata fl-2024, livell li deher l-aħħar fl-2012. Fl-istess ħin, il-produzzjoni globali tal-materjali kompożiti espandiet b'madwar 6 % fl-2023, u dan issottolinja tnaqqis tas-sehem mis-suq tal-Unjoni. Dan it-tnaqqis għandu impatt dirett fuq id-domanda għall-forom bażiċi tal-fibra tal-ħġieġ koperti mir-rieżami kurrenti. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tnaqqis fid-domanda tal-Unjoni għall-materjali kompożiti, flimkien ma' żieda fil-produzzjoni fid-dinja kollha u żieda fl-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, irrappreżentaw bidla dejjiema fiċ-ċirkostanzi tas-suq.

3.3. **Konklużjoni**

(53) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li mill-investigazzjoni oriġinali kien hemm bidliet fiċ-ċirkostanzi ta' natura dejjiema, kemm fir-rigward tal-istruttura tal-industrija u tas-suq tal-GFR Ċiniżi kif ukoll tal-istruttura tal-industrija u tas-suq tal-Unjoni, li titqies bħala bidla rilevanti fiċ-ċirkostanzi skont it-tifsira tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

4. **DUMPING**

4.1. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku**

(54) Minħabba li kien hemm provi biżżejjed disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li indikaw l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-RPĊ, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tiftaħ l-investigazzjoni fir-rigward tal-produtturi esportaturi minn dan il-pajjiż b'konsiderazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

([29]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2022) 360 final tal-20.7.2022.

([30]) https://glassfibreeurope.eu/wp-content/uploads/2023/06/GFE_EU-Economic-Security-Strategy-and-the-Role-of-Glass-Fibre-June-2023.pdf ikkonsultat fit-22 ta' Awwissu 2025.

([31]) https://glassfibreeurope.eu/wp-content/uploads/2023/02/GFE_LCA-report-2023-February-2023.pdf ikkonsultat fil-21 ta' Awwissu 2025.

([32]) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj).

([33]) Id-Direttiva (UE) 2024/1785 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill (ĠU L, 2024/1785, 15.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1785/oj).

([34]) https://www.avk-tv.de/wp-content/uploads/2025/02/AVK_MarktReport_2025_long_final_en-1.pdf ikkonsultat fit-22 ta' Awwissu 2025.

(55) Konsegwentement, sabiex tiġbor id-data neċessarja għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ jipprovdu informazzjoni rigward l-inputs użati għall-produzzjoni tal-GFR. Żewġ kumpaniji/gruppi inklużi fil-kampjun issottomettew l-informazzjoni rilevanti.

(56) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(57) Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku qabel l-iskadenza. Sussegwentement, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ.

(58) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, hija jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku bl-iskop li tiddetermina l-valur normali fuq il-bażi ta' prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni.

(59) Fit-23 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni informat permezz tal-ewwel nota ("l-Ewwel Nota") lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali. F'dik in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni ("FOP", Factors of Production) bħall-materja prima, il-manodopera u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-GFR. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni identifikat pajjiżi rappreżentattivi possibbli, jiġifieri l-Brażil, il-Messiku, it-Tajlandja u t-Turkija.

(60) Fl-10 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni indirizzat il-kummenti li rċeviet mingħand il-partijiet interessati dwar l-Ewwel Nota u informat lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali, bit-Turkija bħala l-pajjiż rappreżentattiv permezz tat-tieni nota ("it-Tieni Nota"). Hija informat ukoll lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A", Selling, General and Administrative) u l-profitt abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-kumpanija azzjonarja Şişe Ve Cam Fabrikalari A.Ş, produttur fil-pajjiż rappreżentattiv.

(61) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar it-Tieni Nota minn Jushi Group, parti mis-CNBM Group, Glass Fibre Europe, Jiangsu Changhai u utent wieħed, PROXIM. Dawn il-kummenti ġew indirizzati taħt l-intestatura rispettiva fit-Taqsima 4.2.2 hawn taħt.

(62) Wara li analizzat il-kummenti u l-informazzjoni li rċeviet sal-iskadenzi, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-Turkija kienet pajjiż rappreżentattiv xieraq li minnu jinkisbu prezzijiet u kostijiet mingħajr distorsjoni għad-determinazzjoni tal-valur normali, bl-eċċezzjoni tal-pirofillit. Ir-raġunijiet sottostanti għal dik l-għażla huma deskritti aktar fid-dettall fit-Taqsima 4.2.2 hawn taħt.

4.2. **Valur normali**

(63) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "*il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur*".

(64) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, *"(f)il-każ li jiġi determinat … li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi* fil-pajjiż *esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni"*, u *"għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti" ("kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali"* minn hawn 'il quddiem "SG&A").

(65) Kif spjegat aktar fid-dettall hawn taħt, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

4.2.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(66) F'investigazzjonijiet reċenti dwar is-settur tal-fibra tal-ħġieġ fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ") ([35]), il-Kummissjoni sabet li kienu preżenti distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.

(67) F'dawk l-investigazzjonijiet, il-Kummissjoni sabet li hemm intervent sostanzjali tal-gvern fir-RPĊ li jirriżulta f'distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ([36]). B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkonkludiet li fis-settur tal-fibra tal-ħġieġ mhux biss għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-Gvern taċ-Ċina ("GTĊ") fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku ([37]), iżda l-GTĊ huwa wkoll f'pożizzjoni li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż tar-Regolament bażiku ([38]). Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji, kif ukoll fil-provvista tal-materja prima u tal-inputs, iħallu effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq. Tabilħaqq, b'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fil-konċentrazzjoni tar-riżorsi f'setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella bħala politikament importanti mill-GTĊ, aktar milli fl-allokazzjoni tagħhom f'konformità mal-forzi tas-suq ([39]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-falliment u l-proprjetà ma jaħdmux kif suppost fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż, tar-Regolament bażiku, u b'hekk jiġġeneraw distorsjonijiet, b'mod partikolari meta ditti insolventi jinżammu għaddejjin u meta jiġu allokati drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ ([40]). Bl-istess mod, il-Kummissjoni sabet distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-settur kimiku fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku ([41]), kif ukoll distorsjonijiet fis-swieq finanzjarji fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-kapital mill-atturi korporattivi fir-RPĊ ([42]).

([35]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492 tal-1 ta' April 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu, http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/492/oj; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1452 tat-13 ta' Lulju 2023 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1452/oj; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2673 tal-11 ta' Ottubru 2024 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-fibra tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2673/oj; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/357 tat-23 ta' Jannar 2024 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Indja, mill-Indoneżja, mill-Malażja, mit-Tajwan u mit-Tajlandja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/357/oj.

([36]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492, il-premessi 161-162, 167; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1452, il-premessa 68; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2673, il-premessa 70; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/357, il-premessi 139-140.

([37]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492, il-premessi 116-119; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1452, il-premessa 53; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2673, il-premessa 54; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/357, il-premessi 76-81.

([38]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492, il-premessi 120-122; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1452, il-premessa 56; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2673, il-premessa 57; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/357, il-premessi 82-88; Filwaqt li d-dritt li l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat jaħtru u jneħħu persunal maniġerjali ewlieni fl-SOEs (State-owned enterprises), kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies bħala li jirrifletti d-drittijiet tas-sjieda korrispondenti, iċ-ċelloli tas-CCP (Chinese Communist Party) fl-intraprizi, kemm f'tal-Istat kif ukoll f'dawk privati, jirrappreżentaw mezz ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali. Skont id-dritt tal-kumpaniji tar-RPĊ, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet neċessarji għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, jidher li dan ir-rekwiżit mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, tal-inqas mill-2016, is-CCP saħħaħ l-asserzjonijiet tiegħu li jikkontrolla deċiżjonijiet tan-negozju fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Huwa rrappurtat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati biex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u jsegwu d-dixxiplina tal-partit. Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partit f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija privata, bi pressjoni dejjem tikber biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fid-deċiżjonijiet tan-negozju fil-kumpaniji rispettivi tagħhom. Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-prodott taħt rieżami u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

([39]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492, il-premessi 123-138; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1452, il-premessa 60; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2673, il-premessa 61; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/357, il-premessi 89-109.

([40]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492, il-premessi 139-142; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1452, il-premessa 62; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2673, il-premessa 63; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/357, il-premessi 110-115.

([41]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492, il-premessi 143-145; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1452, il-premessa 63; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2673, il-premessa 64; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/357, il-premessi 116-118.

([42]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492, il-premessi 146-155; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1452, il-premessa 64; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2673, il-premessa 65; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/357, il-premessi 119-133.

(68) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti tagħha dwar is-settur tal-fibra tal-ħġieġ fir-RPĊ, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq jew le li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a), il-punt (b), tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza li tinsab fit-talba, u fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ ([43]) ("*ir-Rapport*"), li jibbaża fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija tar-RPĊ b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti inkluż il-prodott taħt investigazzjoni. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti biex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ, kif misjub ukoll mill-investigazzjonijiet preċedenti tagħha f'dan ir-rigward.

(69) L-applikant allega li jeżistu distorsjonijiet sinifikanti fis-settur Ċiniż tat-Tisħiħ bil-Fibra tal-Ħġieġ. Huwa rrefera għar-Rapport u b'mod partikolari għall-fatt li s-sistema ekonomika tar-RPĊ hija "ekonomija tas-suq soċjalista" u r-rwol attiv tal-Partit Komunista Ċiniż ("*CCP*", Chinese Communist Party) kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat fir-RPĊ.

(70) B'mod aktar speċifiku, it-talba indikat li:

— L-industrija tal-GFR Ċiniża tippreżenta grad sostanzjali ta' sjieda u kontroll mill-GTĊ. Fir-rigward ta' dan, l-applikant innota li l-GTĊ huwa s-sid tal-akbar u l-aktar produtturi importanti tal-GFR fiċ-Ċina, kif ukoll tal-forniturі upstream u tal-utenti downstream ([44]). B'mod partikolari, l-akbar tliet produtturi tal-GFR fiċ-Ċina, Jushi, Taishan Glassfiber u Chongqing Polycomp International Corporation ("*CPIC*") huma proprjetà tal-Istat u jirrappreżentaw 75 % tal-industrija Ċiniża ([45]). Barra minn hekk, il-kontroll tal-GTĊ fuq is-settur jinkiseb ukoll permezz ta' assoċjazzjonijiet tal-industrija marbuta mal-Gvern. Pereżempju, il-president tal-Bord tad-Diretturi ta' Jushi, is-Sur Zhang Yuqiang, għandu l-pożizzjoni ta' viċi president fiċ-China Building Materials Federation ("*CBMF*"), assoċjazzjoni tal-industrija marbuta mill-qrib mal-GTĊ ([46]). B'rabtiet bħal dawn, huwa partikolarment faċli għall-produtturi tal-GFR li jirċievu finanzjament abbundanti.

— Il-politiki u l-miżuri Ċiniżi applikabbli għas-settur tal-GFR jiddiskriminaw favur il-forniturі domestiċi jew inkella jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles. Fir-rigward ta' dan, l-applikant ippreżenta s-sistema elaborata ta' ppjanar fiċ-Ċina li tartikola fil-livelli kollha tal-ekonomija u tippreżenta l-għanijiet li għandhom jintlaħqu. Tali pjanijiet jistgħu jkunu ġenerali jew speċifiċi għas-settur u jiffukaw ħafna fuq l-iżvilupp ta' setturi strateġiċi, bħal dak tal-GFR. Fost il-pjanijiet ewlenin, li jirreferu għall-prodott ikkonċernat, l-applikant innota l-14-il pjan ta' 5 snin għall-Iżvilupp Nazzjonali u Ekonomiku u Soċjali tar-RPĊ, l-inizjattiva Made in China 2025 u l-14-il pjan ta' 5 snin għall-industrija tal-fibra tal-ħġieġ.

— Il-produtturi tal-GFR jużaw għadd kbir ta' fatturi tal-produzzjoni li l-kostijiet tagħhom huma distorti fiċ-Ċina minħabba l-intervent sinifikanti tal-GTĊ. Dawn id-distorsjonijiet fil-kostijiet jinvolvu l-gass, il-fatturi ewlenin tal-produzzjoni u l-art. Fir-rigward tal-gass, il-biċċa l-kbira tal-forniturі huma Intraprizi tal-Istat ("SOEs"). Pereżempju, iċ-China National Petroleum Corporation tikkontrolla 96 % tal-gass naturali fiċ-Ċina. Barra minn hekk, utenti ewlenin kbar tal-elettriku jistgħu jixtru ċerta kwantità direttament minn ġeneraturi tal-enerġija bi prezzijiet li huma aktar baxxi minn dawk tal-forniturі tal-grilja ([47]). Dan huwa l-każ speċifikament fil-provinċji ta' Jiangsu u Shandong, fejn jinsabu l-produtturi ewlenin tal-GFR. Fir-rigward tal-materja prima, il-kostijiet kemm tal-kawlina kif ukoll tad-dolomit mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles. Fil-fatt, dawn il-kostijiet huma r-riżultat ta' kostijiet distorti tal-manodopera, u tal-allokazzjoni tal-kapital. Dan huwa wkoll il-każ għall-kost tal-art, peress li hija kollha proprjetà tal-Istat. Għalkemm hemm proċeduri trasparenti ta' offerti għall-allokazzjoni tal-art, dawn regolarment ma jiġux rispettati, b'xi atturi jixtru art b'rati tas-suq aktar baxxi ([48]).

([43]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, 10 ta' April 2024, SWD (2024) 91 final, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=SWD(2024)91&lang=mt , inkluża l-verżjoni preċedenti tad-dokument: Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, 20 ta' Diċembru 2017, SWD(2017) 483 final/2, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=SWD(2017)483&lang=mt.

([44]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1452, il-premessa 53.

([45]) Ibid.

([46]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1452, il-premessa 47.

([47]) Opinjoni tal-Kumitat Ġenerali tal-Partit Komunista taċ-Ċina u tal-Kunsill tal-Istat dwar l-Approfondiment Ulterjuri tar-Riforma dwar is-Sistema tal-Enerġija (Zhong Fa [2015] Nru 9); L-Avviż dwar it-Teħid ta' Sforzi dwar il-Kostruzzjoni tas-Suq tal-Enerġija fl-2017 tal-Kumitat tal-Ekonomija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Shandong, LJXDL [2017] Nru 93; Avviż dwar l-Emenda tar-Regoli Kummerċjali Diretti tal-Elettriku tal-2017 tal-Uffiċċju ta' Superviżjoni tal-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Enerġija ta' Shandong, LJNSC [2017] Nru 36; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2018/1690, il-premessa 461; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2021/328, il-premessa 137.

([48]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 9, pp. 257-260.

— Fl-aħħar nett, l-aċċess għall-finanzi jingħata wkoll mill-istituzzjonijiet fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-objettivi tal-politiki pubbliċi. Minn dan jirriżulta li dawn l-istituzzjonijiet ma jaġixxux b'mod indipendenti mill-Istat ([49]). Fir-rigward tal-prodott ikkonċernat, l-applikant innota li l-produtturi tal-GFR jibbenefikaw minn self preferenzjali kemm minn banek tal-Istat kif ukoll minn banek privati, u b'hekk dan jirriżulta f'distorsjonijiet.

(71) Bħala konklużjoni, it-talba ħadet il-pożizzjoni li l-prezzijiet jew il-kostijiet, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Abbażi ta' dan, skont it-talba għal rieżami, f'dan il-każ mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali.

(72) Il-GTĊ la kkummenta u lanqas ma pprovda evidenza li tappoġġa jew li tirribatti l-evidenza eżistenti dwar il-fajl tal-każ u dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti u/jew dwar l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fil-każ inkwistjoni. Il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fiċ-Ċina, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a), il-punt (b) tar-Regolament bażiku. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija taċ-Ċina b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti, inkluż il-prodott ikkonċernat.

(73) Fis-settur tal-fibra tal-ħġieġ, għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda u kontroll mill-GTĊ fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku. L-investigazzjoni kkonfermat li l-akbar tliet produtturi fis-settur tal-GFR, jiġifieri Jushi ([50]), Taishan Glassfiber ([51]) u CPIC ([52]), huma kompletament proprjetà tal-Istat jew inkella l-Istat għandu sehem ta' kontroll fihom. Dawn it-tliet produtturi jirrappreżentaw madwar 70 % tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-fibra tal-ħġieġ Ċiniża ([53]).

(74) Barra minn hekk, l-interventi tas-CCP fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali saru n-norma, mhux biss fl-SOEs iżda wkoll f'kumpaniji privati ([54]), bis-CCP jasserixxi tmexxija fuq prattikament kull aspett tal-ekonomija tal-pajjiż. Tabilħaqq, l-influwenza tal-Istat permezz tal-istrutturi tas-CCP fil-kumpaniji tirriżulta effettivament f'sitwazzjoni fejn l-operaturi ekonomiċi jkunu taħt il-kontroll u s-superviżjoni tal-politiki tal-gvern, fid-dawl ta' kemm l-istrutturi tal-Istat u tal-Partit kibru flimkien fiċ-Ċina.

(75) L-investigazzjoni sabet li l-assoċjazzjoni nazzjonali tal-industrija li tkopri s-settur tal-fibra tal-ħġieġ hija l-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Ħġieġ tal-Fibra taċ-Ċina (*"CFGIA"*, China Fiber Glass Industry) ([55]). Is-CFGIA "*taderixxi mat-tmexxija* ġenerali *tas-CCP,* […] *twettaq attivitajiet tal-Partit, u tipprovdi l-kundizzjonijiet neċessarji għall-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tal-Partit*" ([56]). Barra minn hekk, "*l-awtorità ta' reġistrazzjoni u ġestjoni tal-Assoċjazzjoni hija l-Ministeru għall-Affarijiet Ċivili"* ([57]) u l-kundizzjonijiet biex wieħed ikun eliġibbli bħala rappreżentant tas-CFGIA jinkludu *"l-adeżjoni mat-tmexxija tas-CCP, l-appoġġ tas-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi, l-implimentazzjoni b'mod determinat tal-linja, il-prinċipji u l-politiki tal-Partit, u l-pussess ta' kwalitajiet politiċi tajbin"* ([58]).

(76) Jushi, Taishan Glassfiber u CPIC huma membri tas-CFGIA ([59]).

(77) Kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur tal-fibra tal-ħġieġ huma soġġetti għal superviżjoni u gwida politika. L-aħħar dokumenti ta' politika Ċiniżi li jikkonċernaw is-settur tal-fibra tal-ħġieġ jikkonfermaw l-importanza kontinwa li l-GTĊ jattribwixxi lis-settur, inkluża l-intenzjoni li jintervjeni fis-settur biex jifformah f'konformità mal-politiki tal-gvern. Dan huwa muri mill-14-il FYP (Five-Year Plan) dwar l-Iżvilupp tal-Industrija

([49]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, pp. 139, 149-152, 156-160, 165-167 u 169-171.
([50]) Ara fuq: https://www.jushi.com/about (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([51]) Ara fuq: https://www.ctgf.com/channels/4.html (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([52]) Ara fuq: https://www.cpicfiber.com/channels/2.html# (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([53]) Ara fuq: https://finance.sina.com.cn/roll/2024-08-28/doc-incmesvn3606747.shtml (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([54]) Ara l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni tas-CCP, l-Artikolu 19 tad-Dritt tal-Kumpaniji taċ-Ċina. Ara wkoll ir-Rapport, il-Kapitolu 3, p. 47 sa 50.
([55]) Ara fuq: http://www.cfia.xin/page61?article_id=14 (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([56]) Ara l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tas-CFGIA, l-Artikolu 3, disponibbli fuq: http://www.cfia.xin/page61?article_id=14 (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([57]) Ibid.
([58]) Ara l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tas-CFGIA, l-Artikolu 34, disponibbli fuq: http://www.cfia.xin/page61?article_id=14 (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([59]) Ara fuq: http://www.cfia.xin/page61?article_id=13 (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).

tal-Materja Prima ([60]) li jelenka s-settur, b'mod partikolari l-fibri tal-ħġieġ għal skopijiet speċjali, fost il-materjali li għalihom l-innovazzjoni teknoloġika se tkun appoġġata minn politiki skont il-Pjan. Il-fibri tal-ħġieġ huma elenkati wkoll fost is-setturi mħeġġa taħt l-edizzjoni tal-2024 tal-Katalgu ta' Gwida għall-Aġġustament Strutturali tal-Industrija ([61]), kif ukoll fil-Katalgu ta' Gwida tal-Materjali Ġodda Ewlenin tal-2024 eliġibbli għall-iskemi tal-ewwel użu/dimostrazzjoni ([62]).

(78) Eżempji simili tal-intenzjoni tal-awtoritajiet Ċiniżi li jwettqu superviżjoni u jiggwidaw l-iżviluppi tas-settur jistgħu jiġu osservati fil-livell provinċjali, bħal f'Shandong li, fir-rigward speċifiku tal-industrija tal-fibra tal-ħġieġ u tal-materjal kompożitu qiegħda tippjana li "*trawwem b'mod attiv lill-intrapriżi ewlenin u prinċipali b'influwenza qawwija fuq il-marka u attrattività ta' kummerċjalizzazzjoni, kapaċitajiet ta' integrazzjoni b'saħħithom u effetti ta' xprunar fuq il-ktajjen u r-raggruppamenti tal-industrija, u tappoġġa l-fużjonijiet u r-riorganizzazzjoni tal-intrapriżi transsettorjali, transreġjonali u bejn sjieda u oħra*" u li "*tiżviluppa fibri u prodotti tal-ħġieġ ta' prestazzjoni għolja* [u li] *theġġeġ l-iżvilupp ta' prodotti ultrafini, b'saħħa għolja, b'modulus għoli, reżistenti għall-alkali, b'livell baxx ta' dielettriku, b'espansjoni baxxa, b'silika għolja, degradabbli, wiċċ trażversali b'forma speċjali u prodotti oħra tal-fibra tal-ħġieġ bi prestazzjoni għolja. L-enfasi fuq il-ħtiġijiet tal-informazzjoni elettronika, l-ajruspazju, l-enerġija l-ġdida, il-farms tal-bhejjem fuq skala kbira, is-serer agrikoli u oqsma oħra, ir-riċerka u l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' prodotti kompożiti termoplastiċi u li jibbiesu bis-sħana msaħħa bil-fibra tal-ħġieġ, u l-ispralli kompożiti tal-fibra tal-ħġieġ għal proġetti infrastrutturali*" ([63]).

(79) Bl-istess mod, il-Muniċipalità ta' Chongqing, fejn tinsab is-CPIC, ippubblikat l-14-il FYP tagħha dwar l-Iżvilupp tal-Industriji Strateġiċi u Emerġenti ([64]) li jipprevedi "*l-espansjoni tal-iskala tal-industrija tal-fibra u tal-materjali kompożitu ta' prestazzjoni għolja*" kif ukoll "*l-aċċellerazzjoni tal-kostruzzjoni ta' proġetti bħal-*[…] *linja ta' produzzjoni tal-fibra tal-ħġieġ ta' prestazzjoni għolja b'output annwali ta' 150 000 tunnellata, u tal-bażi tal-produzzjoni ta' fibra tal-ħġieġ u tal-materjali kompożiti ultrafini, sabiex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tal-fibra tal-ħġieġ u tal-materjali kompożiti ta' prestazzjoni għolja*".

(80) Barra minn hekk, l-enfasi fuq il-fibri tal-ħġieġ tista' tidher fid-dokumenti tal-ippjanar anke fi provinċji oħra, bħal Guangxi ([65]), Hubei ([66]) jew Zhejiang ([67]).

(81) Fir-rigward tal-fatt li l-GTĊ huwa f'pożizzjoni li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż, tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni sabet li ħafna produtturi tal-GFR jenfasizzaw b'mod espliċitu l-attivitajiet tal-bini tal-Partit fuq is-siti web tagħhom jew għandhom membri tal-Partit fil-maniġment tal-kumpanija u jissottolinjaw l-affiljazzjoni tagħhom mas-CCP.

(82) Pereżempju, il-President tal-Bord ta' Jushi Group iservi fl-istess ħin bħala l-Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit ([68]). Barra minn hekk, Jushi ssemmi fuq is-sit web tagħha li "[*m*]inħabba *t-tmexxija korretta tal-Kumitat tal-Partit tal-Grupp Nazzjonali tal-Materjali tal-Bini taċ-Ċina,* […] *il-Kumitat tal-Partit Jushi jimplimenta b'mod riżolut id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit [...] u dejjem jaderixxi mar-rwol ewlieni tal-Kumitat tal-Partit tal-kumpanija fl-istabbiliment tad-direzzjoni, fil-ġestjoni tas-sitwazzjoni ġenerali u fl-iżgurar tal-implimentazzjoni*" ([69]).

(83) Barra minn hekk, l-Artikolu 195 tal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni ta' Jushi jipprevedi b'mod espliċitu superviżjoni diretta tal-Partit fuq l-affarijiet korporattivi essenzjali, li skontu "*il-kumitat tal-Partit* tal-*intrapriża għandu jiddiskuti u jiddeċiedi l-kwistjonijiet ewlenin tal-intrapriża f'konformità mar-regolamenti*", bir-responsabbiltajiet ewlenin tal-kumitat tal-Partit li jinvolvu l-kompiti biex "*jiġu studjati u diskussi kwistjonijiet ewlenin tal-maniġment tan-negozju tal-kumpanija, u tiġi appoġġata l-laqgħa tal-azzjonisti, il-bord tad-diretturi, il-bord tas-superviżuri kif ukoll il-maniġment biex jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont il-liġi*", kif ukoll biex "*jissaħħu t-tmexxija u l-kontroll fuq l-għażla u ċ-ċessjonarju tal-persunal tal-intrapriża, u jagħmlu xogħol tajjeb fil-bini tat-tim ta' tmexxija tal-intrapriża, tat-tim cadre u tat-tim tat-talent*" ([70]).

([60]) Ara t-Taqsima III, is-Subtaqsima 3 tal-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima, disponibbli fuq: https://www.gov.cn/zhengce/zhengceku/2021-12/29/content_5665166.htm (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([61]) Ara fuq: https://www.ndrc.gov.cn/xxgk/zcfb/fzggwl/202312/t20231229_1362999.html (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([62]) Ara fuq: https://www.ncsti.gov.cn/kjdt/tzgg/202312/t20231225_145433.html (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([63]) Ara l-14-il FYP tal-Provinċja ta' Shandong dwar il-materjali tal-kostruzzjoni, il-Kapitolu IV, it-Taqsima 4; disponibbli fuq: https://huanbao.bjx.com.cn/news/20211129/1190544.shtml (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([64]) Ara fuq: https://www.cq.gov.cn/zwgk/zfxxgkml/szfwj/qtgw/202203/t20220318_10526318.html (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([65]) Ara l-Pjan ta' Azzjoni ta' 3 snin ta' Guangxi dwar l-Industriji Strateġiċi u Emerġenti, disponibbli fuq: http://guoqing.china.com.cn/zhuanti/2022-06/24/content_78288713.htm (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([66]) Ara l-14-il FYP ta' Hubei dwar l-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Materjali Ġodda, disponibbli fuq: https://jxt.hubei.gov.cn/fbjd/xxgkml/jhgh/202203/t20220325_4056642.shtml (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([67]) Ara l-14-il FYP ta' Zhejiang dwar l-Iżvilupp ta' Materjali Ġodda, disponibbli fuq: https://fzggw.zj.gov.cn/art/2021/6/24/art_1229539890_4671248.html (aċċessat fl-24 ta' Ġunju 2025).
([68]) Ara fuq: https://www.cnbm.com.cn/CNBM/000000020002/66821.html (aċċessat fis-27 ta' Ġunju 2025).
([69]) Ara fuq: https://www.jushi.com/news/party-building (aċċessat fis-27 ta' Ġunju 2025).
([70]) Ara l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tal-kumpanija, disponibbli fuq: https://pdf.dfcfw.com/pdf/H2_AN202203181553440430_1.pdf?1647632338000.pdf (aċċessat fis-27 ta' Ġunju 2025).

(84) Fir-rigward ta' Taishan Fiberglass, il-President jokkupa wkoll il-pożizzjoni ta' Segretarju tal-Kumitat tal-Partit ([71]). Barra minn hekk, il-Maniġer Ġenerali tal-kumpanija jservi wkoll bħala l-Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit ([72]) u jasserixxi li "*huwa neċessarju li tkompli tingħata setgħa shiħa lir-rwol ewlieni tal-bini tal-partit, li tingħaqad il-ħidma tal-membri tal-Partit, tal-kadres u tal-ħaddiema fil-livelli kollha, u li jiġu promossi r-riforma u l-iżvilupp u l-produzzjoni u l-operat tal-kumpanija għal livell ġdid* ([73])."

(85) Fil-każ tas-CPIC, il-President tal-Bord tad-Diretturi għandu fl-istess ħin il-pożizzjoni ta' Segretarju tal-Kumitat tal-Partit ([74]).

(86) Barra minn hekk, fis-settur tal-GFR huma stabbiliti politiki li jiddiskriminaw favur il-produtturi domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw is-suq fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tielet inċiż tar-Regolament bażiku. Filwaqt li l-politiki industrijali tipikament huma relatati ma' diversi setturi aktar milli esklużivament mas-settur tal-GFR, huma soġġetti għal bosta pjanijiet, linji gwida, direttivi u dokumenti oħra ta' politika maħruġa fil-livell nazzjonali, reġjonali u muniċipali (ara wkoll il-premessi minn (77) sa (80) hawn fuq). Dawk il-politiki xi drabi jmorru kontra l-forzi tas-suq.

(87) Pereżempju, il-Pjan ta' Azzjoni ta' 3 Snin ta' Guangxi dwar l-Industriji Strateġiċi u Emerġenti jistabbilixxi b'mod amministrattiv il-volumi futuri tal-output fil-mira u r-rati ta' tkabbir: "*sal-2023, il-valur tal-output tal-industrija tal-materjali l-ġodda se jilħaq 133 biljun yuan, u l-valur miżjud se jilħaq 44 biljun yuan*" ([75]).

(88) Bl-istess mod, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Chongqing għall-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tar-Raggruppamenti tal-Industrija tal-Fibra u tal-Materjali Kompożiti (2023-2027) jistabbilixxi wkoll miri kwantitattivi: "*sal-2027, l-iskala totali tal-industrija tal-fibra u tal-materjali kompożiti tal-belt se taqbeż RMB 50 biljun, il-produzzjoni u l-bejgħ tal-fibra tal-ħġieġ u tal-materjali kompożiti se jirrappreżentaw aktar minn 20 % tat-total nazzjonali, se jinħolqu sa żewġ kumpaniji u marki tal-fibra u tal-materjali kompożiti ta' klassi dinjija, se jiġu introdotti għadd ta' kumpaniji ta' kwalità għolja, il-livell ta' modernizzazzjoni tal-katina industrijali u tal-katina tal-provvista se jittejjeb b'mod sinifikanti, il-kapaċità tal-innovazzjoni u l-kwalità u l-effiċjenza se jittejbu b'mod sinifikanti, il-kostruzzjoni ta' bażi nazzjonali importanti tal-industrija tal-fibra tal-ħġieġ u tal-materjali kompożiti se tiġi aċċellerata, u se jinħoloq raggruppament tal-industrija tal-fibra u tal-materjali kompożiti b'influwenza internazzjonali* ([76])." Sabiex tagħmel dan, il-Muniċipalità ta' Chongqing tfittex li "*taċċellera l-kostruzzjoni ta' bażi nazzjonali importanti tal-industrija tal-fibra tal-ħġieġ u tal-materjali kompożiti u toħloq raggruppament tal-industrija tal-fibra u tal-materjali kompożiti b'influwenza internazzjonali* ([77])".

(89) Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri stabbiliti biex iħeġġeġ lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-ordni pubbliku li jingħata appoġġ lill-industriji mħeġġa, inkluża l-produzzjoni tal-GFR. Tali miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

(90) L-investigazzjoni preżenti ma żvelat l-ebda evidenza li l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà fis-settur kimiku, skont l-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż tar-Regolament bażiku, ma jaffettwax lill-manifatturi tal-prodott taħt investigazzjoni.

(91) Barra minn hekk, il-prodott taħt investigazzjoni huwa affettwat ukoll mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku, kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (67). Dawk id-distorsjonijiet jaffettwaw is-settur kemm direttament (meta jipproduċi l-prodott taħt investigazzjoni jew l-inputs prinċipali), kif ukoll indirettament (meta jkollu aċċess għal inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tal-manodopera fir-RPĊ) ([78]).

(92) Barra minn hekk, ma ġiet sottomessa l-ebda evidenza f'din l-investigazzjoni li turi li s-settur tal-GFR mhuwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż tar-Regolament bażiku. L-Opinjoni Gwida msemmija hawn fuq li tirrikjedi li "*jittejbu l-politiki ta' appoġġ, tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-politiki fiskali, finanzjarji, reġjonali, ta' investiment, ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni (...) mal-politiki tal-industrija [biex] tiġi żviluppata b'mod shiħ il-pjattaforma ta' kooperazzjoni nazzjonali bejn l-industrija u l-finanzi u [biex] titrawwem ir-rabta bejn l-intrapriżi u l-banek* ([79])" turi wkoll b'mod tajjeb ħafna dan it-tip ta' intervent tal-gvern. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

([71]) Ara fuq: https://www.ctgf.com/contents/90/1677.html (aċċessat fis-27 ta' Ġunju 2025).
([72]) Ara fuq: https://www.ctgf.com/contents/91/1625.html (aċċessat fis-27 ta' Ġunju 2025).
([73]) Ibid.
([74]) Ara r-rapport annwali tas-CPIC 2024, p.42, disponibbli fuq: http://file.finance.sina.com.cn/211.154.219.97:9494/MRGG/CNSESZ_STOCK/2025/2025-3/2025-03-27/10811471.PDF (aċċessat fis-27 ta' Ġunju 2025).
([75]) Ara fuq: http://guoqing.china.com.cn/zhuanti/2022-06/24/content_78288713.htm (aċċessat fis-27 ta' Ġunju 2025).
([76]) Ara fuq: https://jjxxw.cq.gov.cn/zwgk_213/zcjd/wzjd/202312/t20231204_12644698.html (aċċessat fis-27 ta' Ġunju 2025).
([77]) Ibid.
([78]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1959, il-premessi 153-157 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2180, il-premessi 82-84; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/752, il-premessa 67.
([79]) Ara t-Taqsima VIII.16, disponibbli fuq: https://www.gov.cn/zhengce/zhengceku/2022-04/08/content_5683972.htm#msdynttrid=WRmyf07ph0z74SHmXoOLKjRWl09BdZ4lGdYp9fiI9xU (aċċessat fit-18 ta' April 2025).

(93) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tfakkar li sabiex il-prodott taħt investigazzjoni jiġi mmanifatturat, huma meħtieġa għadd ta' inputs. Meta l-produtturi tal-prodott taħt investigazzjoni jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li jħallsu (u li huma rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-forniturі tal-inputs iħaddmu manodopera li hija soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/fl-allokazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.

(94) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-prodott taħt investigazzjoni mhumiex xierqa għall-użu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma affettwati wkoll minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport. Tabilħaqq, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu ġie mmanifatturat fir-RPĊ permezz tal-kombinament ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni jiġi espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input u l-bqija.

(95) Fil-qosor, l-evidenza disponibbli wriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott taħt investigazzjoni, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-art, tal-enerġija u tal-manodopera, mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif muri mill-impatt reali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih.

4.2.2. *Pajjiż rappreżentattiv*

4.2.2.1. Kummenti ġenerali

(96) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross per capita simili għar-RPĊ abbażi tal-bażi ta' data tal-Bank Dinji ([80]);

— Il-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni f'dak il-pajjiż;

— L-eżistenza ta' data rilevanti faċilment disponibbli fil-pajjiż rappreżentattiv.

— Meta jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, ingħatat preferenza, fejn xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(97) Kif spjegat fil-premessi (59) u (60), il-Kummissjoni ħarġet żewġ noti għall-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali: l-Ewwel Nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni tat-23 ta' Jannar 2025 u t-Tieni Nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni tal-10 ta' Lulju 2025.

(98) Dawn in-noti ddeskrivew il-fatti u l-evidenza li fuqhom huma bbażati l-kriterji rilevanti, u indirizzaw ukoll il-kummenti li rċevew il-partijiet dwar dawk l-elementi u dwar is-sorsi rilevanti.

(99) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li tqis lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ, jekk l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku tiġi kkonfermata.

4.2.2.2. Livell ta' *żvilupp ekonomiku simili għall-PRC*

(100) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni identifikat lill-Brażil, lill-Messiku, lit-Tajlandja, u lit-Turkija bħala pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ skont il-Bank Dinji, jiġifieri kollha huma kklassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi "b'introjtu medju superjuri" abbażi tal-introjtu nazzjonali gross fejn il-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni kienet magħrufa li sseħħ.

([80]) World Bank Open Data – Upper Middle Income, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.

(101) Wara l-Ewwel Nota, Jushi Group u Jiangsu Changhai sostnew li t-Turkija ma tkunx pajjiż terz xieraq biex jinħadem il-valur normali, minħabba r-rata għolja ta' inflazzjoni, id-deprezzament tal-munita u l-ambjent regolatorju instabbli tagħha.

(102) Il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjonijiet ibbażati fuq il-fatt li l-partijiet li ssottomettew ma wrewx kif id-deprezzament tal-Lira Torka u l-inflazzjoni għolja setgħu fil-fatt jaffettwaw il-prezzijiet tal-inputs akkwistati fit-Turkija, u jekk iva, x'kien ikun l-impatt reali fuq il-valur normali, li huwa kkalkolat f'CNY (Chinese Yuan).

(103) Fil-kummenti tagħha dwar l-Ewwel Nota, Jiangsu Changhai sostniet li l-Malażja – pajjiż mhux identifikat fl-Ewwel Nota – jenħtieġ li titqies bħala pajjiż rappreżentattiv, peress li kienet disponibbli data finanzjarja għall-produttur tal-ħġieġ Xinyi Energy Smart (M) Sdn Bhd ([81]). L-għażla tal-Malażja ntlaqgħet ukoll minn Jushi Group, minħabba l-preżenza fil-pajjiż ta' produttur ieħor tal-prodott ikkonċernat permezz tal-kumpanija Nippon Electric Glass (Malaysia) Sdn Bhd.

(104) Il-Kummissjoni ċaħdet lill-Malażja bħala pajjiż rappreżentattiv possibbli. Xinyi Energy Smart (M) Sdn Bhd. hija sussidjarja ta' manifattur ewlieni tal-ħġieġ Ċiniż (Xinyi Glass Holdings Ltd). L-evidenza pprovduta min Jushi Group kienet tikkonċerna informazzjoni biss fil-livell tal-kontijiet konsolidati għall-grupp Ġappuniż. Fi kwalunkwe każ, il-livell tal-importazzjonijiet fil-Malażja miċ-Ċina għall-materja prima ewlenija kien ivarja minn 40 % sa 79 %.

(105) Wara t-Tieni Nota, PROXIM issottometta li t-Turkija ma kinitx pajjiż rappreżentattiv xieraq, minħabba l-istruttura tal-produzzjoni tal-GFR ta' Şişecam Elyaf Sanayii A.Ş., kif ukoll l-iskala ta' produzzjoni. Il-kumpanija sostniet ukoll li l-importazzjonijiet fit-Turkija mir-Russja u mill-Belarussja affettwaw il-kundizzjonijiet tas-suq tal-fatturi tal-produzzjoni, flimkien mal-inflazzjoni għolja tal-pajjiż, l-istatistika tax-xogħol skaduta u d-data mhux trasparenti dwar il-konsum tal-utilitajiet industrijali. Fid-dawl ta' dan, il-kumpanija żiedet tgħid li t-Tajlandja jew il-Malażja tkun pajjiż rappreżentattiv alternattiv aktar xieraq.

(106) Il-Kummissjoni enfasizzat li l-kummenti ta' PROXIM kienu ġenerali u mhux sostanzjati. Fi kwalunkwe każ, l-istess kummenti dwar l-importazzjonijiet mir-Russja u mill-Belarussja (il-premessa (116)), dwar l-inflazzjoni (il-premessa (102)), l-istatistika dwar ix-xogħol (il-premessa (111)), u t-Tajlandja u l-Malażja bħala pajjiżi rappreżentattivi possibbli (il-premessi (104), (116) u (119)) diġà ġew indirizzati mill-Kummissjoni fit-tweġibiet tagħhom għall-kummenti ta' partijiet oħra. Fir-rigward tal-asserzjoni li tikkonċerna data mhux trasparenti dwar l-utilitajiet industrijali, il-Kummissjoni għamlet disponibbli għall-partijiet kollha s-sorsi u l-metodoloġija użati għall-utilitajiet ikkalkolati. Għalhekk, dawn l-asserzjonijiet ġew miċħuda.

4.2.2.3. Eżistenza *ta' data rilevanti faċilment disponibbli fil-pajjiż rappreżentattiv*

(107) Għall-pajjiżi kkunsidrati u msemmija hawn fuq fil-premessa (100), il-Kummissjoni vverifikat ukoll id-data faċilment disponibbli, inkluża d-data dwar l-importazzjonijiet tal-fatturi tal-produzzjoni kif ukoll tad-data finanzjarja mill-manifatturi tal-prodott taħt investigazzjoni f'dawn il-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali.

(108) Fir-rigward tal-Ewwel Nota, Glass Fibre Europe sostniet li l-Kummissjoni kien jenħtieġ li tinkludi l-ispare parts fil-lista ta' fatturi tal-produzzjoni. Il-Kummissjoni ċaħdet din l-asserzjoni, minħabba li kienet ġenerali u mhux sostanzjata. L-istess asserzjoni ġiet imtennija b'reazzjoni għat-Tieni Nota, mingħajr ma żdiedet l-ebda biċċa informazzjoni ġdida u għalhekk ġiet miċħuda.

(109) Wara d-divulgazzjoni, GFE (Glass Fibre Europe) tenniet li kien jenħtieġ li l-ispare parts jiġu inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni, peress li huma parti mill-kostijiet diretti tal-produzzjoni u jammontaw bejn 1-5 % tal-kostijiet tal-manifattura. Il-Kummissjoni enfasizzat li l-ispare parts ġew inklużi fl-ispejjeż ġenerali tal-manifattura fil-kostruzzjoni tal-valur normali. Għalhekk, l-asserzjoni ġiet miċħuda.

([81]) https://www.xinyiglass.com/en/floatglass/list.aspx.

(110) Wara l-Ewwel Nota, Jushi Group sostna li t-Turkija tkun pajjiż terz mhux xieraq minħabba data skaduta dwar il-kostijiet għall-kost lavorattiv, bl-argument li l-aġġustament ta' din id-data bl-użu tal-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur ma jkunx xieraq peress li l-pagi Torok ma żdidux f'konformità mar-rata tal-inflazzjoni.

(111) Il-kumpanija asseriet b'mod żbaljat li l-Kummissjoni użat l-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur li mhuwiex il-każ peress li użat l-Indiċi tal-Input tax-Xogħol, li huwa aktar preċiż. Barra minn hekk, ma nkiseb l-ebda tibdil sostanzjali fir-rata fis-siegħa wara l-aġġustament. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-asserzjonijiet.

(112) Fil-kummenti tiegħu għall-Ewwel Nota, Jushi Group żied jgħid li jenħtieġ li d-data dwar l-SG&A u d-data dwar il-profitt ta' Türkiye Şişe Ve Cam Fabrikalari A.Ş ma jitqisux bħala sorsi xierqa fil-livell konsolidat, minħabba li l-produttur reali tal-prodotti tal-fibra tal-ħġieġ huwa s-sussidjarja tiegħu, Şişecam Elyaf Sanayii A.Ş. B'mod partikolari, skont Jaingsu Changhai, l-SG&A u l-profitt ikkalkolati mill-ġdid mill-kumpanija abbażi tad-data tal-2023 u tal-2024 juru li Türkiye Şişe Ve Cam Fabrikalari A.Ş ma kinitx profittabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(113) Il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni ta' Jushi Group abbażi tal-fatt li s-segment tal-ħġieġ industrijali ta' Türkiye Şişe Ve Cam Fabrikalari A.Ş kien jinkludi lil Şişecam Elyaf kif ukoll prodotti industrijali simili bi strutturi tal-kostijiet komparabbli.

(114) Fir-rigward tal-asserzjoni sottomessa minn Jiangsu Changhai, il-Kummissjoni enfasizzat li l-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-profittabbiltà ta' Türkiye Şişe Ve Cam Fabrikalari A.Ş ippreżentat limitazzjonijiet sinifikanti fir-rigward tal-konsistenza fil-politiki kontabilistiċi bejn l-2023 u l-2024, u enfasizzat il-fatt li l-metodoloġija proposta ma kinitx tinkludi aġġustamenti finanzjarji ta' tmiem is-sena bħad-deprezzament, il-provvedimenti, u l-konfigurazzjonijiet tat-taxxa li jistgħu ma jiġux inklużi fir-rapporti ta' nofs is-sena. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni ta' Jiangsu Changhai li Türkiye Şişe Ve Cam Fabrikalari A.Ş ma kinitx profittabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(115) Kemm fil-kummenti dwar l-Ewwel Nota kif ukoll dwar it-Tieni Nota, Jushi Group sostna li t-Tajlandja tkun pajjiż rappreżentattiv aktar xieraq. Il-kumpanija argumentat li hemm produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni u data dwar il-kostijiet SG&A u l-profitt hija disponibbli għal żewġ produtturi, ([82]) u la hemm importazzjonijiet tal-FOPs mir-Russja u mill-Belarussja, u lanqas restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-FOPs mit-Tajlandja. Barra minn hekk, it-Tajlandja ma tkunx tirrikjedi aġġustamenti għall-inflazzjoni abbażi tal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur.

(116) Il-Kummissjoni enfasizzat li l-istatistika Tajlandiża dwar l-importazzjoni tal-fibra tal-ħġieġ tibbaża b'mod sinifikanti fuq l-inputs importati miċ-Ċina, speċjalment għall-materja prima ewlenija bħall-kawlina, ir-reżina epossidika, il-pirofillit u l-mineral tal-kriżantemu abjad, li jvarjaw minn 30 % sa 71 %, li jesponihom għal distorsjonijiet fil-kostijiet. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-asserzjoni. L-asserzjoni li d-data miż-żewġ produtturi Tajlandiżi kienet aktar xierqa mid-data konsolidata awditjata ta' Şişecam tqieset bħala mhux sostanzjata mill-Kummissjoni. Fir-rigward tal-asserzjoni dwar l-importazzjonijiet mir-Russja u mill-Belarussja, il-Kummissjoni ma stabbilietx li dawn ħolqu distorsjoni fil-prezzijiet tal-inputs fit-Tajlandja jew fit-Turkija. L-asserzjoni dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni kienet ġenerali u mhux sostanzjata. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjonijiet.

(117) Barra minn hekk, id-data għall-elettriku u għall-gass naturali fit-Turkija kienet tirrifletti ċ-ċifri reali li jikkonċernaw il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u ma kienet tirrikjedi l-ebda aġġustament. Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li l-asserzjoni li d-data Tajlandiża dwar l-utilitajiet hija aktar preċiża mid-data miksuba għat-Turkija ma kinitx ġustifikata.

(118) Fit-Tieni Nota, Jushi Group ikkontesta li l-esponiment tat-Tajlandja għall-importazzjonijiet miċ-Ċina ma setax ikun kriterju fl-għażla ta' pajjiż terz rappreżentattiv, li jissuġġerixxi li l-inputs b'perċentwal għoli ta' importazzjonijiet miċ-Ċina jistgħu jiġu sostitwiti b'data dwar l-importazzjoni mit-Turkija jew minn pajjiżi oħra b'introjtu medju superjuri.

(119) Jushi Group żied jgħid li l-kumpaniji Tajlandiżi kollha, inklużi dawk privati, huma meħtieġa jissottomettu r-rapporti finanzjarji awditjati tagħhom lill-awtoritajiet Tajlandiżi, li jagħmluhom disponibbli online ([83]). Jushi Group argumenta li dan, flimkien mal-fatt li ż-żewġ kumpaniji jkopru l-prodott ikkonċernat kollu u l-istess kategorija ġenerali ta' prodotti (drappijiet biassjali, faxex tal-fibra minsuġin, polpa tat-tajjar u twapet tal-fibra sintetika) għamlu lit-Tajlandja pajjiż rappreżentattiv aktar xieraq meta mqabbel mat-Turkija.

([82]) Wanda New Material (Thailand) Company Limited (Privata) u Thai United Glass Fibre Company Limited (Privata).

([83]) DBD DataWarehouse+

(120) Il-Kummissjoni tenniet li, l-ewwel nett, it-Tajlandja wriet grad ogħla ta' dipendenza fuq l-importazzjonijiet miċ-Ċina. Tabilħaqq, fit-Turkija l-aktar erba' fatturi tal-produzzjoni akkwistati miċ-Ċina, li jammontaw għal aktar minn 40 % tal-volumi totali tal-importazzjonijiet, kienu jirrappreżentaw biss madwar 1 % tal-kost totali tal-produzzjoni. Min-naħa l-oħra, it-Tajlandja akkwistat b'mod sinifikanti aktar materja prima miċ-Ċina, li tammonta wkoll għal aktar minn 40 % tal-volumi totali tal-importazzjonijiet, li rrappreżentaw aktar minn 20 % tal-kost totali tal-produzzjoni. Il-materja prima kollha nnegozjata fi kwantitajiet kbar miċ-Ċina u importata fit-Tajlandja, bl-eċċezzjoni tat-trab tal-manjeżju maħruq ħafif u tal-aġenti ta' akkoppjament tas-silan, ġiet importata fi kwantitajiet aktar baxxi jew ma ġiet importata xejn fit-Turkija.

(121) It-tieni, meta wieħed iqabbel id-data tas-suq, iċ-Ċina kienet l-akbar produttur u esportatur tal-fibra tal-ħġieġ madwar id-dinja. It-Turkija ([84]) rrappreżentat suq akbar tal-esportazzjoni tal-fibra tal-ħġieġ meta mqabbel mat-Tajlandja ([85]), b'livell ogħla ta' esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, iż-żewġ produtturi Tajlandiżi identifikati minn Jushi Group kellhom kapaċità tal-produzzjoni annwali rrapportata tal-fibra tal-ħġieġ ħafna iżgħar mill-kumpanija Torka. Il-kapaċità tal-produzzjoni annwali ta' Wanda New Material (Thailand) Co. Ltd u Thai United Glass Fibre Co. Ltd kienet ta' 20 000 tunnellata ([86]) u 2 500 tunnellata ta' fibra tal-ħġieġ, ([87]) rispettivament. B'kuntrast ma' dan, fl-2022, il-grupp Şişecam irrapporta kapaċità installata ta' 70 000 tunnellata ta' fibra tal-ħġieġ ([88]). Minħabba d-dipendenza aktar baxxa tat-Turkija fuq iċ-Ċina u suq akbar f'termini ta' esportazzjonijiet, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni li t-Tajlandja tkun pajjiż aktar rappreżentattiv.

(122) Wara t-Tieni Nota, Group Jushi sostna li matul l-2024 Şişecam Elyaf Sanayii A.Ş., il-produttur tal-ħġieġ tal-fibra fil-grupp Türkiye Şişe Ve Cam Fabrikalari A.Ş group, ma kienx profittabbli, u argumenta li l-Kummissjoni jenħtieġ li tuża d-data tas-segment li għaliha jappartjeni Şişecam Elyaf Sanayii A.Ş., jiġifieri s-segment industrijali, għall-kalkolu tal-kostijiet SG&A u tal-profitt. Jiangsu Changhai talbet lill-Kummissjoni tuża r-rapporti finanzjarji aġġornati tal-2024, li kienu jinkludu aġġustamenti għall-inflazzjoni kemm għall-2024 kif ukoll għall-2023. Jiangsu Changhai sostniet li, fid-dikjarazzjonijiet konsolidati tal-grupp Şişe Ve Cam Fabrikalari A.Ş, l-ispejjeż amministrattivi u tal-kummerċjalizzazzjoni ġenerali kienu jinkludu l-kostijiet tat-trasport u tal-kummissjonijiet, kif ukoll l-ispejjeż tal-imballaġġ, u għalhekk il-Kummissjoni jenħtieġ li teskludi tali spejjeż mill-kalkolu tal-valur normali.

(123) Il-Kummissjoni aċċettat l-asserzjoni ta' Jushi Group u rrevediet il-kalkoli tal-kostijiet SG&A u tal-profitt ibbażati fuq is-segment industrijali minflok il-livell konsolidat. Il-Kummissjoni enfasizzat li l-asserzjoni li għamlet Jiangsu Changhai kienet tikkonċerna aġġustamenti fil-livell tal-grupp konsolidat, u ma kien hemm l-ebda diżaggregazzjoni tal-ispejjeż amministrattivi u tal-kummerċjalizzazzjoni ġenerali disponibbli fil-livell tas-segment tal-ħġieġ industrijali.

(124) Fil-kummenti dwar l-Ewwel Nota, Jiangsu Changhai enfasizzat li l-kodiċi SA (Sistema Armonizzata) għall-pirofillit kien wiesa' wisq u kien jinkludi diversi prodotti oħra taħt is-subintestatura 2530 90 mhux relatati mal-produzzjoni tal-GFR. Minħabba d-differenzi konsiderevoli fil-prezzijiet ibbażati fuq il-kontenut tal-aluminju tal-pirofillit, li l-kodiċi SA ma rriflettiex, Jiangsu Changhai pproponiet valur referenzjarju alternattiv ibbażat fuq rapport tas-suq ([89]) li ddistingwa bejn it-tipi ta' gradi ta' priofillit u l-kontenut tal-aluminju.

(125) L-applikant sostna li, abbażi tal-informazzjoni li tinsab fir-rapport, il-prezzijiet tal-pirofillit b'alumina baxxa offruti mill-kumpanija Indoneżjana PT. Gunung Bale u Kaolin (Malaysia) Sdn ikunu l-aktar valur referenzjarju alternattiv xieraq għall-istabbiliment tal-prezz tal-pirofillit fiċ-Ċina.

(126) Il-Kummissjoni aċċettat li tirrevedi l-valur referenzjarju tal-pirofillit u użat il-prezzijiet ta' PT. Gunung Bale bħala valur referenzjarju, minħabba d-dipendenza aktar baxxa tal-Indoneżja fuq l-importazzjonijiet tal-pirofillit miċ-Ċina meta mqabbla mal-Malażja (inqas minn 5 % u madwar 80 %, rispettivament).

([84]) Glass Fibers in Turkey Trade | The Observatory of Economic Complexity. Disponibbli fuq https://oec.world/en/profile/bilateral-product/glass-fibers/reporter/tur.

([85]) Glass Fibers in Thailand Trade | The Observatory of Economic Complexity. Disponibbli fuq https://oec.world/en/profile/bilateral-product/glass-fibers/reporter/tha.

([86]) http://wandafiber.com/about-us/

([87]) http://www.thaiunited.co.th/

([88]) Ara d-data dwar Şişecam Chemicals, meta Şişecam Elyaf San. A.Ş kienet miġbura taħt il-Fergħa kimika tal-grupp. Disponibbli fuq https://www.sisecam.com/en/investor-relations/presentations-and-bulletins/annual-reports/digital-annual-report/2022/index.html#sisecam-at-a-galance/4.

([89]) Abbażi ta' data ppubblikata f'*Multimarket Insight - Global Pyrophyllite Professional Survey Report 2024, Forecast to 2029* u disponibbli fil-fajl miftuħ.

(127) Wara t-Tieni Nota, Jushi Group sostna li l-Kummissjoni kien jenħtieġ li tuża l-prezz medju li bih wieħed mill-fornituri tiegħu xtara pirofillit ta' grad baxx mingħand PT. Gunung Bale. Inkella, il-Kummissjoni jenħtieġ li ma żżidx il-kost medju tat-trasport mal-valur referenzjarju ta' CNY 0,60/kg, peress li l-fattura sottomessa bħala evidenza indikat li t-trasport kien diġà inkluż fil-kost.

(128) Il-Kummissjoni enfasizzat li fattura kummerċjali waħda mhux ivverifikata, flimkien ma' ċertifikat ta' awtorizzazzjoni li fih żbalji fl-ortografija tal-isem tal-fornitur tal-input ma kinux jikkostitwixxu informazzjoni li setgħet tippermetti lill-Kummissjoni tasal għal sejba raġonevolment preċiża, u ma ġietx sottomessa informazzjoni verifikabbli li setgħet tippermetti tali sejba. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinjora l-informazzjoni sottomessa minn Jushi Group u ċaħdet l-asserzjoni.

(129) L-istess asserzjoni reġgħet saret wara d-divulgazzjoni finali, bl-argument li l-fattura sottomessa kopriet il-biċċa l-kbira tal-volum mixtri mingħand PT. GUNUNG BALE matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u li d-data li għaliha kienet tappartjeni l-fattura (jiġifieri l-volumi tax-xiri tal-pirofillit) kienet ġiet ivverifikata mill-Kummissjoni.

(130) Il-Kummissjoni enfasizzat li l-valutazzjoni mwettqa fil-premessa (128) kienet għadha valida, u li għalkemm il-volumi tax-xiri kienu ġew ivverifikati fil-qafas tad-data dwar il-konsum tal-pirofillit, il-fattura kummerċjali sottomessa ma setgħetx tiġi vverifikata mill-Kummissjoni. Għalhekk, l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(131) Fil-kummenti dwar it-Tieni Nota, Jiangsu Changhai sostniet li l-prezzijiet mit-Turkija tad-dolomit u tal-ossidu tal-kalċju ma kinux rappreżentattivi minħabba l-volumi baxxi ta' importazzjoni, u li l-prezzijiet fit-Turkija ta' dawn iż-żewġ materji primi ma kinux jirriflettu t-tip użat fil-produzzjoni tal-GFR. B'appoġġ għall-asserzjoni tagħha, Jiangsu Changhai ssottomettiet żewġ rapporti minn Multimarket Insights ([90]) li fihom informazzjoni dwar gradi u applikazzjonijiet differenti tad-dolomit u tal-ossidu tal-kalċju.

(132) Il-Kummissjoni rrifjutat il-valuri referenzjarji proposti dwar id-dolomit u l-ossidu tal-kalċju pprovduti minn Jiangsu Changhai, minħabba li ma kellhiex biżżejjed evidenza verifikabbli biex tistabbilixxi jekk il-valuri referenzjarji proposti kinux sodi u raġonevoli u għalhekk setgħux jitqiesu bħala valur referenzjarju alternattiv xieraq. Barra minn hekk, ir-rapporti sottomessi mill-produttur esportatur ma pprovdewx biżżejjed informazzjoni dwar is-sorsi użati biex jiġu stabbiliti l-firxiet differenti tal-prezzijiet għal tipi differenti ta' dolomit u ossidu tal-kalċju. Fir-rigward tad-dolomit u tal-ossidu tal-kalċju, il-kumpanija sostniet fil-kummenti tagħha għar-rapporti tat-test tat-Tieni Nota li ma kinux verifikabbli mill-Kummissjoni, u r-rapporti tas-suq sottomessi minn Jiangsu Changhai ma pprovdew l-ebda sors dwar kif ġew ikkalkolati l-valuri għal gradi differenti ta' dolomit u ossidu tal-kalċju.

(133) B'kuntrast ma' dan, il-valuri referenzjarji minn Multimarket Insights għall-pirofillit, (il-premessi (124) - (126)) ġew aċċettati mill-Kummissjoni, peress li l-prezzijiet referenzjarji huma faċilment disponibbli bħala parti mill-fajl tal-każ mhux kunfidenzjali u jista' jiġi vverifikat matul iż-żjara ta' verifika mal-produtturi esportaturi liema tip ta' pirofillit intuża fil-proċess tal-produzzjoni tal-GFR u l-kontenut minerali tiegħu, u li jista' jiġi aċċertat li l-valur referenzjarju mit-Turkija ma kienx jirrifletti dawn l-ispeċifiċitajiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet ukoll kummenti mingħand l-ilmentatur li l-prezzijiet tal-pirofillit li jinsabu fir-rapport kienu raġonevoli u jirriflettu r-realtà tal-gradi differenti ta' pirofillit użati fil-produzzjoni tal-GFR.

(134) Wara d-divulgazzjoni finali, Jiangsu Changhai tenniet li l-parametri referenzjarji tal-importazzjoni Torok għad-dolomit u l-ossidu tal-kalċju ma kinux xierqa minħabba l-volumi baxxi ta' importazzjoni ta' din il-materja prima fit-Turkija, speċjalment fir-rigward tal-konsum tal-kumpanija ta' kull waħda minn dawn iż-żewġ materji prima. F'dan ir-rigward, Jiangsu Changhai stiednet lill-Kummissjoni tirrieżamina d-data tal-industrija tal-Unjoni għal dawn iż-żewġ materji prima u tqabbel il-kostijiet tagħhom mal-parametru referenzjarju Tork. Alternattivament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tittratta dawn iż-żewġ materji prima bħala oġġetti konsumabbli.

(135) Il-Kummissjoni sabet li l-argument ta' Jiangsu Changhai ma kienx sostanzjat u ma kienx ġustifikat. L-ewwel nett, Jiangsu Changhai naqset milli tistabbilixxi xi korrelazzjoni bejn il-kwantitajiet tal-importazzjoni u l-ipprezzar fis-sens li l-volum ta' dawk l-importazzjonijiet jagħmel il-prezzijiet fihom infushom inadegwati sabiex jinstab prezz mingħajr distorsjoni. It-tieni nett, is-suġġeriment li kwantitajiet ta' importazzjoni aktar baxxi neċessarjament jirriżultaw fi prezzijiet atipiċi jinjora r-realtajiet ekonomiċi ta' kif jiġu stabbiliti l-prezzijiet. Il-produtturi esportaturi jistabbilixxu prezzijiet ibbażati fuq għadd kbir ta' fatturi, aktar milli jiddependu fuq il-volumi globali tal-importazzjoni ta' kwalunkwe pajjiż wieħed. Għalhekk, anki jekk il-kwantitajiet tal-importazzjoni huma baxxi, dan ma jfissirx b'mod inerenti li l-prezzijiet huma żbilanċjati jew mhux rappreżentattivi, jew li mhumiex prezzijiet tas-suq. Barra minn hekk, il-kumment ta' Jiangsu Changhai jirrappreżenta ħażin il-prattika preċedenti tal-Kummissjoni li fi kwalunkwe każ mhijiex vinkolanti peress li kull każ jiġi vvalutat fuq il-merti tiegħu stess.

([90]) https://multimarketinsight.com/

Ir-referenza tagħha għal investigazzjoni preċedenti waħda ([91]) mhijiex kompluta u hija selettiva peress li tonqos milli ssemmi li f'dik l-investigazzjoni l-Kummissjoni warrbet l-użu ta' ċerti parametri referenzjarji abbażi ta' kunsiderazzjonijiet oħra għajr il-kwantità waħedha bħan-nomenklatura doganali li ma tippermettix li jiġu identifikati l-importazzjonijiet li jirriflettu l-prezzijiet tal-input attwali użati mill-produtturi esportaturi. Ma saret l-ebda dikjarazzjoni bħal din minn Jiangsu Changhai f'dan ir-rieżami, u lanqas ma ddikjaraw li l-parametri referenzjarji tal-importazzjoni Torok għad-dolomit u l-ossidu tal-kalċju ma kinux rappreżentattivi għal xi raġuni oħra. Għalhekk, dawn l-asserzjonijiet ġew miċħuda.

(136) Fil-kummenti dwar l-Ewwel Nota, Jiangsu Changhai sostniet li l-materja prima kollha, ħlief il-pirofillit, kien jenħtieġ li tiġi kkategorizzata bħala materjali konsumabbli minħabba l-impatt baxx tagħha fuq il-kost tal-manifattura.

(137) Il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni, abbażi tal-fatt li l-materja prima li jifdal kienet tammonta b'mod kumulattiv għal [20-30] % tal-kost tal-manifattura, u li l-valuri referenzjarji għal dik il-materja prima kienu disponibbli.

(138) Wara t-Tieni Nota, Jiangsu Changhai sostniet li l-ossidu tal-kalċju, id-dolomit u l-materjali tal-ippakkjar jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala materjali konsumabbli minħabba l-impatt baxx tagħhom fuq il-kost tal-produzzjoni, bl-argument li f'investigazzjonijiet preċedenti, ([92]) il-Kummissjoni kklassifikat il-materjali, inklużi l-materjali tal-imballaġġ, taħt materjali konsumabbli meta l-kost aggregat tagħhom kien jammonta għal madwar 4–7 % tal-kost tal-manifattura.

(139) Il-Kummissjoni enfasizzat li l-ossidu tal-kalċju u d-dolomit flimkien diġà jikkostitwixxu aktar minn 4 % tal-kost tal-manifattura, u l-materjali tal-imballaġġ waħedhom kważi 7 % tal-kost tal-produzzjoni. Fl-investigazzjonijiet preċedenti, il-fatturi tal-produzzjoni li ġew raggruppati taħt materjali konsumabbli kellhom piż negliġibbli fil-kost totali tal-produzzjoni, u ma kienx possibbli li jinstabu valuri referenzjarji preċiżi għalihom, għall-kuntrarju ta' din l-investigazzjoni. Minħabba l-impatt tal-fatturi tal-produzzjoni enfasizzati minn Jiangsu Changhai, u l-fatt li l-valuri referenzjarji għal dawk il-fatturi tal-produzzjoni jistgħu jintużaw biex jiġi stabbilit il-valur normali, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjonijiet tagħhom.

(140) Wara d-divulgazzjoni finali, Jiangsu Changhai tenniet li kien jenħtieġ li xi materja prima tiġi raggruppata taħt oġġetti konsumabbli, filwaqt li pproponiet li, għall-materja prima miksuba internazzjonalment jew permezz ta' forniturі relatati inklużi taħt oġġetti konsumabbli, il-Kummissjoni tinkludi wkoll dawk li jinkisbu domestikament. Il-kumpanija żiedet ukoll li l-materjali kollha tal-imballaġġ jiġu raggruppati taħt oġġetti konsumabbli.

(141) Il-Kummissjoni tenniet il-pożizzjoni tagħha li l-materjali tal-imballaġġ waħedhom huma kważi 7 % tal-kost tal-produzzjoni, mingħajr ma qieset il-materjali li diġà ġew inklużi taħt oġġetti konsumabbli. Minħabba l-eżistenza ta' parametri referenzjarji raġonevoli għal dawn il-fatturi ta' produzzjoni, l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(142) Jiangsu Changhai żiedet li, peress li l-kalkolu tal-valur normali jinkorpora l-kost tal-imballaġġ, biex jiġi żgurat tqabbil ġust f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni jenħtieġ li ma tnaqqasx il-konċessjonijiet għall-imballaġġ mill-prezz tal-esportazzjoni.

(143) Il-Kummissjoni aċċettat din l-asserzjoni u rrevediet il-kalkoli għall-marġni ta' Jushi Group.

(144) Wara d-divulgazzjoni, Jushi Group enfasizza xi żbalji klerikali fil-kalkolu tal-ispejjeż tal-merkanzija u l-immaniġġar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari fil-bini fil-pajjiż esportatur fil-kalkolu tal-marġni tad-dumping aggregat.

(145) Il-Kummissjoni aċċettat l-asserzjoni u rrevediet il-kalkoli tal-marġni tad-dumping ta' Jushi Group kif xieraq.

([91]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2163 tal-14 ta' Awwissu 2024 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2024/2163, 16.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2163/oj).

([92]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2673 tal-11 ta' Ottubru 2024 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-fibra tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-premessa (106); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2011 tas-17 ta' Novembru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-kejbils fibrottiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-premessa (338); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/291 tat-13 ta' Frar 2025 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' karta dekorattiva li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-premessa (162).

(146) Wara t-Tieni Nota, Jushi Group issottometta diversi kummenti dwar fatturi speċifiċi tal-produzzjoni u valuri referenzjarji alternattivi li jistgħu jintużaw. L-ewwel nett, il-kumpanija sostniet li l-Kummissjoni kien jenħtieġ li toħroġ id-data dwar l-importazzjoni tat-trab tal-ġebla tal-franka fil-livell ta' 6 ċifri mill-bażi ta' data COMTRADE tan-NU, minflok b'4 ċifri, u talbet lill-Kummissjoni tuża l-prezz unitarju kkalkolat mill-kumpanija ta' 2,01 CNY/kg minflok 2,5 CNY/kg.

(147) Il-Kummissjoni enfasizzat li l-estrazzjoni pprovduta mill-kumpanija mill-bażi ta' data COMTRADE tan-NU kienet tinkludi data li tkopri Awwissu 2024, perjodu barra mill-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, u eskludiet kwalunkwe data għal Awwissu 2023. L-estrazzjoni fil-livell ta' 6 ċifri li tkopri l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kkonfermat li l-valur referenzjarju korrett huwa ta' 2,5 CNY/kg.

(148) It-tieni, il-kumpanija sostniet li xi kodiċijiet speċifiċi mill-Atlas tal-Kummerċ Globali (GTA, Global Trade Atlas) għall-kawlina jenħtieġ li jintużaw għal entitajiet differenti, biex jirriflettu l-proċessi ta' produzzjoni speċifiċi tal-kumpaniji differenti, li kienu jinvolvu tipi differenti ta' kawlina, jew fil-forma ta' trab tagħha jew fil-forma ta' mineral tagħha.

(149) Il-Kummissjoni aċċettat din l-asserzjoni u rrevediet il-kalkoli għal Jushi Group kif xieraq.

(150) It-tielet, Jushi Group sostna li l-Kummissjoni kien jenħtieġ li tuża l-kodiċi tal-GTA 251990300019-Manjeżja Maħruqa Għalkollox Oħra (Sinterizzata), peress li kien l-uniku kodiċi rilevanti għall-proċess tal-produzzjoni tiegħu.

(151) Il-Kummissjoni enfasizzat li t-talba ta' Jushi Group kienet ġenerali u mhux sostanzjata, peress li ma pprovdiet l-ebda informazzjoni speċifika dwar liema tipi oħra ta' manjeżja maħruqa ġew inklużi fil-kodiċi tal-GTA, u kif dan il-kodiċi kien aktar rilevanti fil-proċess tal-produzzjoni tiegħu vis-à-vis kodiċijiet oħra. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-asserzjoni.

(152) Ir-raba', għat-trab tal-wollastonit, Jushi Group sostna li d-data dwar l-importazzjoni bbażata fuq il-kodiċi SA 2530 90 kienet wiesgħa wisq u ppropona li t-trab tal-pirofillit jintuża bħala valur referenzjarju u li jiżdied billi jiġu riflessi d-differenzjali tal-kostijiet li Jushi jġarrab għat-trab tal-wollastonit meta mqabbel mal-pirofillit. Jushi Group żied jgħid li l-istess metodoloġija tista' tiġi applikata għal fatturi oħra tal-produzzjoni raggruppati taħt il-kodiċi HS 2530 90.

(153) Il-Kummissjoni enfasizzat li din il-metodoloġija ma kellha l-ebda ġustifikazzjoni fattwali għar-raġunijiet għaliex il-Kummissjoni jenħtieġ li tuża l-pirofillit bħala valur referenzjarju għall-wollastonit u għal materja prima oħra, u għaliex din tkun l-aktar metodoloġija preċiża. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-asserzjoni.

(154) Fl-aħħar nett, Jushi Group talab lill-Kummissjoni ma tinkludix l-iskart tal-fibra taħt materjali konsumabbli, minħabba li dan il-fattur tal-produzzjoni ġie rrapportat fil-kost tiegħu tat-tabelli tal-manifattura b'valur referenzjarju disponibbli, u li l-kumpanija pprovdiet ukoll informazzjoni dwar il-valur tal-bejgħ mill-ġdid tagħhom.

(155) L-asserzjoni ġiet miċħuda minħabba li l-iskart tal-fibra kellu impatt negliġibbli fuq il-kost tal-produzzjoni. Barra minn hekk, meta mqabbla mal-valur medju tal-kumpanija għall-prodotti sekondarji, il-kodiċijiet tal-GTA ssuġġeriti minn Jushi Group bħala valur referenzjarju ma setgħux jirriflettu b'mod raġonevoli t-tip ta' fibri ġġenerati mill-proċess tal-produzzjoni ta' Jushi Group.

(156) Wara d-divulgazzjoni, Jushi Group issottometta kummenti li jkopru l-manjeżju maħruq ħafif, il-wollastonit, l-iskart tal-fibra u t-trab tal-ġebla tal-franka.

(157) Fir-rigward tal-premessi (150) u (151), wara d-divulgazzjoni finali, Jushi Group tenna dawk l-asserzjonijiet, u pprovda evidenza addizzjonali li l-kodiċi HS 2519 90 30 kien dak użat fil-proċess tal-produzzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni użat il-prezz medju ponderat tal-parametri referenzjarji tal-kodiċijiet tal-GTA fil-livell ta' 8 ċifri li jintemm fi "30".

(158) Fir-rigward tal-wollastonit (il-premessi (152) u (153)), Jushi Group tenna li l-prezz tal-importazzjoni ma kienx preċiż biżżejjed biex jirrifletti d-differenzi fil-prezzijiet bejn mhux biss bejn it-trab tal-wollastonit u t-trab pirofillit, iżda wkoll dwar it-trab tal-ispodumen u t-trab tal-lepidolit. Jushi Group ippropona li jiġu kkalkulati l-parametri referenzjarji għat-tliet trabijiet abbażi tad-differenzi fil-prezzijiet tal-grupp bejn it-trab tal-wollastonit, tal-ispodumen, u tal-lepidolit kontra l-parametru referenzjarju tal-pirofillit. Alternattivament, Jushi Group sostna li l-Kummissjoni jenħtieġ li tuża l-kodiċijiet GTA 2530 90 40 għall-ispodumen u l-lepidolit, u l-kodiċi 2530 90 50 għall-wollastonit, abbażi tal-importazzjonijiet Torok tal-wollastonit mill-Istati Uniti ([93]).

([93]) https://www.volza.com/p/wollastonite/import/import-in-turkey/

(159) Il-Kummissjoni enfasizzat li ma setgħetx taċċetta kalkolu bbażat fuq id-data tal-kostijiet tal-kumpanija stess, peress li, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, ġie stabbilit fil-premessa (95) li mhuwiex xieraq li jintużaw il-kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti. Il-Kummissjoni aċċettat l-asserzjoni u estrapolat il-prezzijiet għall-ispodumen, il-lepidolit, u l-wollastonit fil-livell ta' 8 ċifri mill-GTA.

(160) Dwar il-fibra tal-iskart, il-Grupp Jushi sostna li l-fibra tal-iskart u tal-fdal tal-fibra dehru li ġew importati fit-Turkija skont il-kodiċi SA 7019 62 10 ([94]) (minflok il-kodiċi SA 7019 90), u l-Kummissjoni jenħtieġ li tuża l-prezzijiet medji tal-importazzjoni mit-Turkija biex tistabbilixxi parametru referenzjarju tal-fibra tal-iskart. Alternattivament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tuża l-prezz tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni tal-UE. Jekk il-Kummissjoni ma tapplikax parametru referenzjarju għall-fibra tal-iskart, il-materja prima li tirrappreżenta kost saħansitra aktar baxx tal-produzzjoni jenħtieġ li tiġi raggruppata wkoll taħt oġġetti konsumabbli.

(161) Mill-bidu nett, il-Kummissjoni enfasizzat li, fit-tabelli tal-konsum, għal tnejn mill-entitajiet tiegħu, Jushi Group kien issottometta li l-kodiċi SA tal-fibra tal-iskart applikabbli kien SA 7019 90, u għal entità waħda ma ġie rrapportat l-ebda kodiċi SA, li jenfasizza d-diffikultà li jinstab kodiċi applikabbli għal dan il-fattur speċifiku tal-produzzjoni. It-tieni, il-Kummissjoni eżaminat il-kodiċi 7019 62 10 u nnotat li t-Turkija importat biss jew il-kodiċi SA 7019 62 (Drappijiet Oħrajn Magħqudin b'Mod Mekkaniku Magħmulin Minn Faxex tal-Fibra tal-Ħġieġ) ([95]) jew il-kodiċi SA 7019 62 90 (Drappijiet Oħrajn Magħqudin b'Mod Mekkaniku Magħmulin Minn Faxex tal-Fibra tal-Ħġieġ), u ma kienet disponibbli l-ebda informazzjoni għall-kodiċi SA 7019 62 10. It-tielet, anki meta wieħed iħares lejn id-data mill-pajjiżi rappreżentattivi possibbli l-oħra identifikati fl-Ewwel Nota u fit-Tieni Nota, il-volumi tal-importazzjoni miċ-Ċina kienu jikkostitwixxu 90 % jew aktar tal-importazzjonijiet totali ta' dan il-fattur tal-produzzjoni għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi. B'mod ġenerali, kemm għall-kodiċi SA 7019 90 (il-premessa (155)) kif ukoll għall-kodiċi 7019 62 ma kienx possibbli li jiġi stabbilit x'jaqa' taħt dawn il-kodiċijiet, u għall-kodiċi 7019 62 10 ma kienx possibbli li jinstab parametru referenzjarju għalih. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-asserzjoni.

(162) Wara d-divulgazzjoni, Jushi Group argumenta li l-prezzijiet tal-importazzjoni mit-Turkija tat-trab tal-ġebla tal-franka u tal-ossidu tal-kalċju/trab tal-franka kalċinat dehru għoljin b'mod mhux raġonevoli minħabba l-volumi baxxi ta' importazzjoni, u ssottometta li l-Kummissjoni jenħtieġ li tirrevedi l-parametri referenzjarji billi (a) tieħu l-prezz tal-esportazzjoni tat-Turkija u timmarkah għal dazji tal-importazzjoni xierqa; jew (b) tuża l-prezz medju tal-importazzjoni internazzjonali tal-GTA; (c) tuża l-prezz tal-importazzjoni fil-Brażil jew (d) tuża l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-UE (jew il-prezzijiet tal-esportazzjoni).

(163) Fir-rigward tal-ossidu tal-kalċju u t-trab tal-ġebla tal-franka, il-Kummissjoni diġà indirizzat kumment simili dwar il-korrelazzjoni bejn il-kwantitajiet tal-importazzjoni u l-prezzijiet fil-premessa (135).

(164) Wara d-divulgazzjoni, GFE sostniet li l-użu ta' prezz medju ponderat ta' taħlita ta' minerali tal-kawlina u tal-kawlina mitħuna mhuwiex xieraq, peress li tali taħlita ma teżistix fil-formulazzjonijiet attwali tal-lott. Fl-istess ħin, il-mineral tal-kawlina ma jistax jintuża direttament fil-produzzjoni tal-GFR, peress li jeħtieġ li jgħaddi minn passi intermedjarji bħat-tħin grezz u t-tħin fin. GFE argumentat li l-Kummissjoni jenħtieġ li tuża biss il-kodiċi doganali tal-kawlina mitħuna (2507 00 20 00 12) bħala materja prima għall-kostruzzjoni tal-valur normali. Il-Kummissjoni ċċarat li użat il-kost korrispondenti tal-mineral tal-kawlina jew tat-trab tal-kawlina skont il-proċessi ta' produzzjoni speċifiċi tal-kumpaniji. Il-kostijiet tal-ipproċessar tal-mineral tal-kawlina fi trab tal-kawlina tqiesu fil-kost tal-enerġija u tal-manodopera permezz ta' eżerċizzju ta' riport. Għalhekk, l-asserzjoni ġiet miċħuda.

4.2.2.4. Livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali

(165) Wara li ġie stabbilit li t-Turkija kienet l-uniku pajjiż rappreżentattiv xieraq disponibbli, abbażi tal-elementi kollha ta' hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku.

4.2.2.5. Konklużjoni

(166) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, it-Turkija ssodisfat il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku sabiex titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

([94]) Definit bħala "Skart u fdal ta' drappijiet magħluqin ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ, magħqudin mekkanikament (minbarra minsuġa)", ara https://www.tariffnumber.com/2025/70196210.

([95]) Skont il-Portal Doganali Ewropew, dan huwa definit bħala "Drappijiet magħluqin ta' faxex tal-fibra tal-ħġieġ, magħqudin mekkanikament (minbarra minsuġa)"; see https://www.tariffnumber.com/2025/701962.

4.3. **Sorsi użati biex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni**

(167) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi ta' produzzjoni, bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni mill-produtturi esportaturi u stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw u jipproponu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni msemmija f'dik in-nota.

(168) Sussegwentement, fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni ddikjarat li, sabiex tibni l-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija tuża l-GTA biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-biċċa l-kbira tal-fatturi ta' produzzjoni, b'mod partikolari l-materja prima. Għall-pirofillit, kif kopert fil-premessa (126), il-Kummissjoni użat il-prezzijiet tal-kumpanija Indoneżjana Pt. Gunung Bale ([96]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni użat it-Turkstat u l-Eurostat biex tistabbilixxi l-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manodopera ([97]), tal-enerġija ([98]) u tal-gass naturali ([99]). Għall-ilma, il-Kummissjoni użat id-data ppubblikata mill-Uffiċċju tal-Investiment u l-Finanzi tal-Presidenza tar-Repubblika tat-Turkija ([100]).

(169) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni informat ukoll lill-partijiet interessati li minħabba l-għadd kbir ta' fatturi ta' produzzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li pprovdew informazzjoni kompluta u l-piż negliġibbli ta' xi materja prima fil-kost totali tal-produzzjoni, dawn il-partiti negliġibbli kienu raggruppati taħt "materjal konsumabbli". Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat li hija se tikkalkula l-perċentwal tal-materjali konsumabbli fuq il-kost totali tal-materja prima u se tapplika dan il-perċentwal għall-kost ikkalkulat mill-ġdid tal-materja prima meta tuża l-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni stabbiliti fil-pajjiż rappreżentattiv xieraq.

4.3.1. *Fatturi ta' produzzjoni*

(170) Meta titqies l-informazzjoni kollha ppreżentata mill-partijiet interessati u miġbura matul iż-żjarat ta' verifika, il-fatturi ta' produzzjoni li ġejjin u s-sorsi tagħhom ġew identifikati sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

Tabella 1

Fatturi ta' produzzjoni ta' GFR

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-komodità / kodiċi disponibbli	Kost ta' unità CNY/unità	Sors tad-data	Unità ta' kejl
Materja prima				
Trab tal-kawlina kalċinat	2507 00 20 00 11, 2507 00 80 00 12	1,39	GTA	KG
Mineral tal-kawlina	2507 00 10 00 00	1,33	GTA	KG
Trab tal-ġebla tal-franka	2521 00	2,50	UN Comtrade ([101])	KG
Borokalċit	2528	234,09	GTA	KG
Forom primarji ta' silikonu	3910 00 00	35,51	GTA	KG
Mineral tal-kriżantemu abjad	2505 10	0,41	GTA	KG
Dolomit	2518 10 00, 2518 10 00	2,89	GTA	KG

([96]) Ippubblikati f'Multimarket Insights u disponibbli fil-fajl miftuħ.
([97]) https://data.tuik.gov.tr/Bulten/Index?p=Structure-of-Earnings-Statistics-2023-53700.
([98]) https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/explore/all/envir?lang=en&subtheme=nrg.nrg_price.nrg_pc&display=list&sort=category&extractionId=nrg_pc_205.
([99]) https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/explore/all/envir?lang=en&subtheme=nrg.nrg_price.nrg_pc&display=list&sort=category&extractionId=nrg_pc_205.
([100]) https://www.invest.gov.tr/en/investmentguide/pages/cost-of-doing-business.aspx.
([101]) comtrade.un.org.

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-komodità / kodiċi disponibbli	Kost ta' unità CNY/unità	Sors tad-data	Unità ta' kejl
Manjeżju maħruq ħafif	2519 90 30	4,84	GTA	KG
Ġipsum	2520 10	0,18	GTA	KG
Ossidu tal-kalċju	2522 10	2,93	GTA	KG
Steatit Naturali (Soapstone), Terra; Mhux Imfarrak, Mhux Miṫhun	2526 10	1,51	GTA	KG
Steatit Naturali (Soapstone) u Terra; Imfarrak/Miṫhun	2526 20	3,31	GTA	KG
Trab tal-pirofillit	2530 90	0,66	Multimarket Insights	KG
Spodumen	2530 90 40	33,70	GTA	KG
Lepidolit	2530 90 40	33,70	GTA	KG
Wollastonit	2530 90 50	3,07	GTA	KG
Zirkonite	2615 10	14,32	GTA	KG
Ossidu tal-aluminju	2818 20	9,67	GTA	KG
Irmied tas-soda	2836 20	2,43	GTA	KG
Propilenglikolmetileter	2909 49 11, 2909 49 80	13,49	GTA	KG
Aċeton	2914 11	7,63	GTA	KG
Solvent	2915 39	15,53	GTA	KG
Anidride malejka	2917 14	7,61	GTA	KG
Legant	2929 10	16,17	GTA	KG
Aġenti ta' Akkoppjament	2931 90	61,34	GTA	KG
Tensjoattiv	3402 39 10, 3402 39 90	11,79	GTA	KG
Lubrikanti	3402 41	13,84	GTA	KG
Emulsifikant	3402 42	14,52	GTA	KG
Tensjoattiv	3402 90 10, 3402 90 90	17,65	GTA	KG
Lubrikant	3403 91	20,78	GTA	KG
Lubrikant	3403 99	42,66	GTA	KG
Tikketti oħra mhumiex elenkati fil-plastik, adeżiv	3506 99 00	36,65	GTA	KG
Prodotti u preparazzjonijiet oħra għall-industrija tat-tessuti	3809 91 00	26,13	GTA	KG
Aġent ta' akkoppjament	3824 99	23,69	GTA	KG

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-komodità / kodiċi disponibbli	Kost ta' unità CNY/unità	Sors tad-data	Unità ta' kejl
Legant	3901 90 30, 3901 90 80	24,50	GTA	KG
Aġent li Jifforma Rita	3902 10 00	11,93	GTA	KG
Poliisobutilin	3902 30 00	10,58	GTA	KG
Aġent li Jifforma Rita	3905 12	11,02	GTA	KG
Emulsjoni	3905 21	11,90	GTA	KG
Poliol	3907 29 11, 3907 29 20, 3907 29 91, 3907 29 99	12,84	GTA	KG
Reżina epossidika	3907 30	24,47	GTA	KG
Legant tat-trab	3907 91 10, 3907 91 90	28,23	GTA	KG
Aġent li Jifforma Rita	3909 50 10, 3909 50 90	27,90	GTA	KG
Aġent ta' akkoppjament tas-silan	3910	35,51	GTA	KG
Rita tal-koljatura tal-PE	3920 10	23,22	GTA	KG
Tejp tal-PP	3920 20 21, 3920 20 29, 3920 20 80	19,78	GTA	KG
Borża termoplastika tal-PVC	3920 43 10, 3920 43 90	42,48	GTA	KG
Fowm tal-EPE	3921 19 00	50,59	GTA	KG
Borża tat-Tunnellata tal-PE	3923 29 10, 3923 29 90	60,39	GTA	KG
Boroż ta' Ġewwa tal-PE	4202 92 11, 4202 92 15, 4202 92 19, 4202 92 91, 4202 92 98	180,92	GTA	KG
Plywood	4412 33 10, 4412 33 20, 4412 33 30, 4412 33 90	11,26	GTA	KG
Plywood	4412 39	7,45	GTA	KG
Palit tal-Injam	4415 20 90	6,30	GTA	KG
Kaxxa taż-Żnuber	4421 99	28,90	GTA	KG
Kartun	4707 10	1,16	GTA	KG
Karta bażi għall-ipproċessar	4804 11 11, 4804 11 15, 4804 11 19, 4804 11 90, 4804 11 90, 4804 11 90	3,91	GTA	KG
Kartun korrugat	4808 10	6,44	GTA	KG
Tubu tal-Karta	4811 90 00	19,24	GTA	KG
Kaxxa tal-kartun korrugat	4819 10	16,13	GTA	KG
Tubu tal-karta	4822 90	17,13	GTA	KG

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-komodità / kodiċi disponibbli	Kost ta' unità CNY/unità	Sors tad-data	Unità ta' kejl
Borża tal-PP	6305 33 10, 6305 33 90	19,96	GTA	KG
Skart tal-fibra	7019 90	124,52	GTA	KG
Platinu, mhux maħdum jew f'għamla ta' trab	7110 11	202 516,14	GTA	Gr
Rodju, mhux maħdum jew f'għamla ta' trab	7110 31	386 751,55	GTA	Gr
Materjal konsumabbli				
Arja kompressata	[MHUX APPLIKABBLI]	[MHUX APPLIKABBLI]	[MHUX APPLIKABBLI]	m^3
Ossiġenu	[MHUX APPLIKABBLI]	[MHUX APPLIKABBLI]	[MHUX APPLIKABBLI]	Tunnellata
Fwar	[MHUX APPLIKABBLI]	[MHUX APPLIKABBLI]	[MHUX APPLIKABBLI]	m^3
Manodopera				
Manodopera	[MHUX APPLIKABBLI]	40,91	Turkstat ([102])	Siegħa/siegħa ta' xogħol
Enerġija				
Elettriku	[MHUX APPLIKABBLI]	0,68	Eurostat ([103])	Kwh
Gass naturali	[MHUX APPLIKABBLI]	2,67	Eurostat ([104])	m^3
Ilma	[MHUX APPLIKABBLI]	2,46	Investi fit-Turkija ([105])	m^3

(171) Il-Kummissjoni inkludiet valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura sabiex tkopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi ta' produzzjoni msemmija aktar 'il fuq. Sabiex tistabbilixxi dan l-ammont, il-Kummissjoni bbażat fuq id-data mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

4.3.2. *Materja prima*

(172) Sabiex tistabbilixxi l-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima kif ikkonsenjata sal-bieb ta' produttur tal-pajjiż rappreżentattiv, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv kif irrapportat fil-GTA. Prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie determinat bħala medja ponderata tal-prezzijiet unitarji tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha bl-esklużjoni tar-RPĊ u l-pajjiżi li mhumiex membri tad-WTO elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([106]). Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-pajjiż rappreżentattiv peress li kkonkludiet li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsubin għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni.

([102]) https://data.tuik.gov.tr/Bulten/Index?p=Structure-of-Earnings-Statistics-2023-53700.
([103]) https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/explore/all/envir?lang=en&subtheme=nrg.nrg_price.nrg_pc&display=list&sort=category&extractionId=nrg_pc_205.
([104]) https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/explore/all/envir?lang=en&subtheme=nrg.nrg_price.nrg_pc&display=list&sort=category&extractionId=nrg_pc_205.
([105]) https://www.invest.gov.tr/en/investmentguide/pages/cost-of-doing-business.aspx.
([106]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/755/oj). L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali.

(173) Għall-pirofillit, kif spjegat fil-premessa (124), Jiangsu Changhai sostniet li l-kodiċi SA għall-pirofillit kien wiesa' wisq u ma kienx jirrifletti d-differenza abbażi tal-kontenut tal-aluminju. Għalhekk, il-kumpanija ssottomettiet rapport tas-suq li jipprovdi data dwar il-pirofillit, ibbażat fuq l-applikazzjoni, ir-reġjun, u li jipprovdi wkoll prezzijiet għal kumpaniji speċifiċi u tipi speċifiċi ta' pirofillit. L-applikant sostna li l-prezzijiet tal-pirofillit b'alumina baxxa - jiġifieri t-tip użat fil-proċess tal-produzzjoni tal-GFR – mill-kumpanija Indoneżjana PT. Gunung Bale u Kaolin (Malaysia) Sdn ikunu l-aktar valur referenzjarju alternattiv xieraq. Il-Kummissjoni aċċettat din l-asserzjoni u użat il-prezzijiet tal-fornitur tal-pirofillit PT. Gunung Bale, minħabba d-dipendenza aktar baxxa tal-Indoneżja fuq l-importazzjonijiet tal-pirofillit miċ-Ċina.

(174) Wara d-divulgazzjoni, GFE sostniet li, għalkemm il-kostijiet tar-rodju u tal-platinu kienu riflessi fid-deprezzament, dawn il-kostijiet mhumiex kompluti, peress li l-metalli prezzjużi jistgħu jinżammu bħala assi jew mikrija, filwaqt li pproponiet metodoloġiji ta' kalkolu differenti bbażati fuq jekk il-bushings li fihom il-platinu u r-rodju kinux proprjetà jew mikrija. Il-Kummissjoni enfasizzat li l-konsum tal-platinu/tar-rodju u l-pjanċa tat-tnixxija ġew ikkunsidrati fil-kostruzzjoni tal-valur normali taħt l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura.

(175) Wara d-divulgazzjoni finali, GFE żiedet li abbażi tas-sejbiet tal-premessa (42), jiġifieri li l-industrija Ċiniża żiedet il-kapaċitajiet tagħha minn 1,5 miljun tunnellata fl-2016 għal 4,1 miljun tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni kien jenħtieġ li taħdem il-valur normali filwaqt li tqis il-kostijiet tal-impjant tal-GFR f'żoni ġodda u l-kostijiet ta' deprezzament annwali li jirriżultaw. Il-Kummissjoni ċċarat li dawn il-kostijiet kienu diġà koperti fil-kostijiet tad-deprezzament. L-asserzjoni hija miċħuda bħala irrilevanti.

(176) Għal għadd ta' fatturi ta' produzzjoni, il-kostijiet effettivi mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jirrappreżentaw sehem negliġibbli tal-kostijiet totali tal-materja prima fil-perjodu ta' investigazzjoni taħt rieżami. Peress li l-valur użat għal dawn ma kellu l-ebda impatt apprezzabbli fuq il-kalkoli tal-marġni tad-dumping, irrispettivament mis-sors użat, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinkludi dawk il-kostijiet fil-materjali konsumabbli. Dan kien il-każ għall-arja kompressata, l-ossiġenu u l-fwar.

(177) Il-Kummissjoni esprimiet il-kost tat-trasport imġarrab mill-produttur esportatur li kkoopera għall-provvista ta' materja prima bħala perċentwal tal-kost reali ta' tali materja prima u mbagħad applikat l-istess perċentwal għall-kost mingħajr distorsjoni tal-istess materja prima sabiex tikseb il-kost mingħajr distorsjoni tat-trasport. Il-Kummissjoni kkunsidrat li, fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni, il-proporzjon bejn il-materja prima tal-produttur esportatur u l-kostijiet tat-trasport irrapportati jista' jintuża b'mod raġonevoli bħala indikazzjoni biex jiġu stmati l-kostijiet tat-trasport mingħajr distorsjoni tal-materja prima meta tiġi kkonsenjata lill-fabbrika tal-kumpanija.

(178) Wara d-divulgazzjoni, Jushi Group argumenta li l-Kummissjoni kien jenħtieġ li żżid biss il-kostijiet reali tat-trasport irrapportati mal-kostijiet tal-materja prima mingħajr distorsjoni, u ma applikatx proporzjon, bħal fil-każ tat-tessuti tal-fibra tal-ħġieġ ([107]).

(179) Il-Kummissjoni enfasizzat li l-metodoloġija użata tirrifletti l-istruttura tal-kostijiet tal-produttur esportatur, peress li l-proporzjon bejn il-kost tat-trasport u l-kost tal-materja prima jinżamm u jiġi applikat ulterjorment għall-parametru referenzjarju mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni enfasizzat li ma setgħetx taċċetta kalkolu bbażat fuq id-data tal-kostijiet tal-kumpanija stess, peress li, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, ġie stabbilit fil-premessa (95) li mhuwiex xieraq li jintużaw il-kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti. Barra minn hekk, l-eżempju msemmi minn Jushi Group ma kienx neċessarjament jimplika li dak li ntuża kien il-kost reali, peress li l-"kostijiet tat-trasport domestiku għall-materja prima kollha ġew **stmati** abbażi tad-data vverifikata pprovduta mill-produtturi esportaturi li kkooperaw". Fi kwalunkwe każ, il-Grupp Jushi naqas milli juri għaliex l-approċċ użat mill-Kummissjoni kellu jkun irraġonevoli. Għalhekk, din l-asserzjoni tqieset mhux ġustifikata.

4.3.3. *Manodopera*

(180) TurkStat, Structure of Earnings Statistics, 2023 ([108]) tippubblika informazzjoni dettaljata dwar il-pagi f'setturi ekonomiċi differenti fit-Turkija. Il-Kummissjoni użat l-aħħar statistika disponibbli li tkopri l-2023, għall-attività ekonomika skont il-klassifikazzjoni NACE Rev.2. Il-valur ta' kull xahar irrapportat għal tmiem l-2023 ġie aġġustat kif xieraq għall-inflazzjoni bl-użu tal-aġġustament tal-indiċi tal-kost lavorattiv kif ippubblikat minn *TurkStat, Labour cost indices, 2009-2024 [2021=100]* ([109]).

([107]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492 tal-1 ta' April 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu, il-premessa (245).

([108]) https://data.tuik.gov.tr/Bulten/Index?p=Structure-of-Earnings-Statistics-2023-53700.

([109]) https://data.tuik.gov.tr/Bulten/Index?p=Labour-Input-Indices-Quarter-I:-January-March,-2024-53682&dil=2.

4.3.4. *Elettriku*

(181) Il-prezz tal-elettriku għall-kumpaniji (utenti industrijali) fit-Turkija huwa ppubblikat mill-Eurostat: il-prezzijiet tal-elettriku għall-konsumaturi mhux domestiċi - data biannwali (mill-2007 'il quddiem) (nrg_pc_205) ([110]) fl-istqarrijiet għall-istampa regolari tagħha. Il-Kummissjoni użat id-data dwar il-prezzijiet tal-elettriku industrijali fil-faxxa tal-konsum korrispondenti f'kWh li tkopri l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(182) Wara d-divulgazzjoni, Jiangsu Changhai sostniet li l-Kummissjoni kien jenħtieġ li tuża l-faxxa tal-konsum tal-elettriku li tirrifletti l-użu tal-elettriku tal-kumpanija. Bl-istess mod, għall-gass naturali, il-kumpanija sostniet li, abbażi tal-użu tiegħu, il-Kummissjoni jenħtieġ li tapplika l-faxxa tal-konsum speċifika bbażata fuq l-użu, aktar milli l-medja tal-faxex kollha tal-konsum.

(183) Il-Kummissjoni aċċettat dawn l-asserzjonijiet u wettqet aġġustamenti għall-parametru referenzjarju tal-elettriku u tal-gass naturali li jirriflettu l-profili tal-konsum reali tal-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun.

4.3.5. *Gass naturali*

(184) Il-prezz tal-gass naturali għall-utenti industrijali fit-Turkija huwa ppubblikat mill-Eurostat - Prezzijiet tal-gass għall-konsumaturi mhux domestiċi - data biannwali ([111]). Il-Kummissjoni użat id-data dwar il-prezzijiet tal-gass industrijali fil-faxxa tal-konsum korrispondenti f'kWh li tkopri l-perjodu ta' investigazzjoni.

4.3.6. *Ilma*

(185) Il-kost tal-ilma għall-użu industrijali huwa ppubblikat mill-Uffiċċju tal-Investiment u l-Finanzi tal-Presidenza tar-Repubblika tat-Turkija ([112]). Il-Kummissjoni użat prezz medju tal-industrija fir-reġjun ta' Istanbul relatat maż-Żoni Industrijali Organizzati (OIZs, Organized Industrial Zones): Eskişehir OIZ; Balıkesir OIZ; Ankara Başkent OIZ u İzmir Aliağa OIZ.

4.3.7. *Kostijiet ġenerali tal-manifattura, SG&A u profitti*

(186) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "*il-valur normali maħdum għandu* jinkludi *ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti*". Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq.

(187) L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw ġew espressi bħala sehem mill-kostijiet tal-manifattura effettivament imġarrba mill-produtturi esportaturi. Dan il-perċentwal ġie applikat għall-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni.

(188) Sabiex tistabbilixxi ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għall-kostijiet SG&A u għall-profitt, il-Kummissjoni bbażat fuq id-data finanzjarja għall-2023 għal Şişe Ve Cam Fabrikalari A.Ş kif estratta mir-rapporti annwali tal-kumpanija ([113]).

4.3.8. *Kalkolu*

(189) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(190) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni applikat il-kostijiet unitarji mingħajr distorsjoni għall-konsum effettiv tal-fatturi individwali tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Dawn ir-rati ta' konsum ġew ivverifikati matul il-verifika. Il-Kummissjoni mmultiplikat il-fatturi tal-użu bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità li ġew osservati fil-pajjiż rappreżentattiv.

([110]) https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/explore/all/envir?lang=en&subtheme=nrg.nrg_price.nrg_pc&display=list&sort=category&extractionId=nrg_pc_205.

([111]) https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/explore/all/envir?lang=en&subtheme=nrg.nrg_price.nrg_pc&display=list&sort=category&extractionId=nrg_pc_205.

([112]) https://www.invest.gov.tr/en/investmentguide/pages/cost-of-doing-business.aspx.

([113]) https://www.sisecam.com/en/investor-relations/annual-reports.

(191) Ladarba ġie stabbilit il-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura, il-Kummissjoni applikat il-kostijiet ġenerali tal-manifattura, il-kostijiet SG&A u l-profitt kif innutat fil-premessi minn (186) sa (188). Dawn ġew determinati abbażi tar-rapporti finanzjarji ta' Şişe Ve Cam Fabrikalari A.Ş kif spjegat fil-premessa (188).

(192) Imbagħad, il-Kummissjoni żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, kif spjegat fil-premessi (186) u (187) mal-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura sabiex tasal għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni.

(193) Mal-kostijiet tal-produzzjoni stabbiliti kif deskritt fil-premessa preċedenti, il-Kummissjoni applikat il-kostijiet SG&A u l-profitti ta' Şişe Ve Cam Fabrikalari A.Ş. Il-kostijiet SG&A, espressi bħala perċentwal tal-Kost tal-Oġġetti Mibjugħin ("COGS", Cost of Goods Sold) u applikati għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammontaw għal 22,7 %. Il-profitt, espress bħala perċentwal tas-COGS u applikat għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammonta għal 8,8 %.

(194) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(195) Wara d-divulgazzjoni finali, GFE sostniet li l-użu tad-data tan-negozju tal-ħġieġ industrijali ta' Şişecam għad-determinazzjoni ta' ammonti raġonevoli għall-kostijiet SG&A u għall-profitt ma kienx ġustifikat, peress li (a) il-Kummissjoni kien jenħtieġ li teskludi introjtu operatorju u introjtu finanzjarju ieħor min-negozju tal-ħġieġ ta' Şişecam; (b) il-kostijiet SG&A ma kinux jirriflettu r-realtà ekonomika tal-produtturi tal-GFR; (c) il-profitt li nstab ta' 8,8 % ma kienx biżżejjed għall-industriji intensivi fil-kapital bħall-GFR u għalhekk mhux raġonevoli, bl-argument li l-Kummissjoni jenħtieġ li tuża l-kostijiet SG&A u l-profitt tal-grupp kollu.

(196) Wara d-divulgazzjoni finali, Jiangsu Changhai argumentat li s-segment tal-ħġieġ industrijali ta' Şişe Ve Cam Fabrikalari A.Ş. kien fil-fatt mhux profittabbli fl-2023, peress li l-Qligħ Qabel l-Imgħax, it-Taxxi u d-Deprezzament huwa biss ir-riżultat tal-introjtu u l-profitt li sar minn attivitajiet ta' investiment, ix-xiri ta' assi tanġibbli u intanġibbli u d-dritt tal-użu tal-assi, mhux riżultat tal-attivitajiet operatorji ewlenin. Jiangsu Changhai talbet li tuża d-data aġġustata għall-inflazzjoni tal-2023 li tinsab fir-rapporti annwali tal-2024 ta' Şişe Ve Cam Fabrikalari A.Ş., u li tnaqqas l-ispejjeż tat-trasport, tal-kummissjonijiet u tal-imballaġġ. Alternattivament, jekk il-Kummissjoni tibqa' tuża d-data speċifika għas-segment, jenħtieġ li jiġi allokat sehem proporzjonali tal-ispejjeż SG&A fil-livell konsolidat lis-segment industrijali.

(197) Fir-rigward tal-istabbiliment ta' ammonti raġonevoli għall-kostijiet SG&A, il-Kummissjoni aċċettat l-asserzjoni ta' Jiangsu Changhai li teskludi l-kostijiet tat-trasport, l-ispejjeż tal-imballaġġ u l-ispejjeż tal-kummissjoni tal-grupp kollu u tallokahom bl-użu tal-fatturat bħala koeffiċjent tal-allokazzjoni. Il-Kummissjoni rrevediet il-kalkolu tagħha tal-profitt għas-segment industrijali u kkonfermat li l-profitt ikkalkulat mill-ġdid, qabel it-taxxa għas-segment industrijali kien negattiv fl-2023.

(198) Ir-rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-grupp Şişecam ipprovdew il-profitt Şişecam Elyaf u l-kostijiet SG&A tas-segment tal-ħġieġ industrijali. Fir-rigward ta' Şişecam Elyaf, il-kumpanija li tipproduċi l-fibra tal-ħġieġ, ir-rapporti finanzjarji disponibbli pubblikament għall-2023 taw il-bejgħ nett u l-profitt iżda ma inkludewx l-informazzjoin dwar l-oġġetti mibjugħa (COGS) u lanqas l-SG&A. Is-COGS kien disponibbli fil-livell tas-segment tal-industrija tal-ħġieġ tal-grupp Şişecam. B'hekk, biex tikkalkula l-perċentwal ta' profitt ta' Şişecam Elyaf, il-Kummissjoni allokat is-COGS tas-segment industrijali, li għalih tappartjeni Şişecam Elyaf, billi użat il-fatturat bħala koeffiċjent tal-allokazzjoni.

(199) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li jkun xieraq li jiġi stabbilit l-ammont raġonevoli għall-kostijiet SG&A abbażi tal-kostijiet SG&A kkalkulati mill-ġdid għas-segment industrijali bl-użu tad-data aġġustata għall-inflazzjoni tal-2023 inkluża fl-aħħar dikjarazzjoni annwali tal-grupp Tork. Il-Kummissjoni allokat l-ispejjeż finanzjarji netti tal-grupp Şişecam għas-segment bl-użu tal-fatturat bħala koeffiċjent tal-allokazzjoni, u kisbet kostijiet SG&A espressi bħala perċentwal tas-COGS ta' 11,24 %.

(200) Sabiex tikkalkola l-profitt espress bħala perċentwal tas-COGS, il-Kummissjoni qasmet il-profitt ta' Şişecam Elyaf mis-COGS tas-segment industrijali allokat lil Şişecam Elyaf billi użat il-fatturat bħala koeffiċjent tal-allokazzjoni, kif spjegat fil-premessa (198). Dan ammonta għal 21,58 %.

(201) Wara d-divulgazzjoni finali addizzjonali, GFE sostniet li l-Kummissjoni ma kellhiex taċċetta l-asserzjoni ta' Jiangsu Changhai dwar il-kostijiet tat-trasport, l-ispejjeż tal-imballaġġ u l-kummissjoni u, fi kwalunkwe każ, kien jenħtieġ li ma tapplikax l-aġġustament għall-produtturi esportaturi kollha. Bl-istess mod, kwalunkwe asserzjoni oħra fir-rigward ta' esportaturi għajr dak speċifiku li jagħmel asserzjoni partikolari kien jenħtieġ li ma tiġix applikata għall-produtturi esportaturi kollha fil-kampjun.

(202) Il-Kummissjoni enfasizzat li s-sejbiet dwar il-kostijiet SG&A u l-profitt mill-kumpanija rappreżentattiva jikkonċernaw l-"ammonti raġonevoli" li għandhom jintużaw fil-kostruzzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku u japplikaw għall-produtturi esportaturi kollha inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni ma tistax tapplika kostijiet SG&A differenti biss għall-kumpanija li ssottomettiet asserzjoni dwar l-aġġustamenti tal-kostijiet SG&A. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-asserzjonijiet.

(203) Wara d-divulgazzjoni finali addizzjonali, GFE sostniet ukoll li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-kostijiet kollha tat-trasport japplikaw biss għal tranżazzjonijiet 'il barra, u li, jekk wieħed jassumi li kienu relatati kemm mal-kostijiet tat-tranżazzjonijiet deħlin kif ukoll ħerġin, l-aġġustament tal-Kummissjoni kien eċċessiv, peress li xi whud mill-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun irrapportaw kostijiet tat-trasport ħafna aktar baxxi fir-rapporti annwali tagħhom u għalhekk il-Kummissjoni kien jenħtieġ li taġġusta dawn il-kostijiet kif xieraq. Fl-aħħar nett, GFE argumentat li s-segment industrijali fir-rapporti finanzjarji ta' Şişecam huwa magħmul minn prodotti f'diversi industriji differenti, u rraġunat li l-kostijiet tat-trasport u tal-imballaġġ għall-industrija tal-karozzi jridu jkunu ogħla milli għall-industrija tal-GFR.

(204) Il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-asserzjonijiet minħabba li l-valur normali kellu jiġi stabbilit fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika, u għalhekk dawn il-kostijiet kellhom jitnaqqsu sabiex jiġu stabbiliti ammonti raġonevoli għall-SG&A u l-profitt fil-pajjiż rappreżentattiv. Barra minn hekk, il-fatt li l-kostijiet tat-trasport u tal-imballaġġ għall-industrija tal-karozzi jistgħu jkunu ogħla milli għall-industrija tal-GFR ma għandu l-ebda effett f'dan il-każ, peress li l-kostijiet tat-trasport u tal-imballaġġ ittieħdu għall-grupp kollu u ġew applikati proporzjonalment abbażi tal-fatturat tas-segment industrijali, u ma kien hemm l-ebda diżaggregazzjoni disponibbli għall-kostijiet tat-trasport speċifiċi għas-segment tal-ħġieġ industrijali.

(205) Wara d-divulgazzjoni finali addizzjonali, Jiangsu Changhai kkuntestat il-kalkolu tal-profitt ta' Şişecam Elyaf, bl-argument li r-rata tal-kostijiet SG&A applikata ma tirriflettix l-istruttura tal-kostijiet li ġġenerat il-profitt irrapportat, filwaqt li pproponiet li jiġi kkalkolat mill-ġdid il-profitt ta' Şişecam Elyaf billi jiġi inkorporat il-proporzjon tal-kostijiet SG&A fuq is-COGS jew billi tiġi ddeterminata ċifra kkombinata għall-kostijiet SG&A u għall-profitt ibbażata fuq il-fatturat ta' Şişecam Elyaf li minnu jitnaqqas is-COGS ikkalkulat mill-ġdid.

(206) Il-Kummissjoni ssottolinjat li l-approċċ segwit għall-kalkolu tal-profitt kien iffokat fuq Şişecam Elyaf bħala kumpanija awtonoma, u b'hekk jirrifletti aktar mill-qrib il-profitt tal-produtturi tal-GFR fit-Turkija. Barra minn hekk, l-allokazzjoni tas-COGS fuq il-profitt tal-produttur tal-GFR segwiet l-istess loġika u allokazzjoni eżatti li Jiangsu Changhai kienet ipproponiet għall-kalkolu tal-kummissjonijiet, l-ispejjeż tal-imballaġġ u l-kostijiet tat-trasport, ittrasferiti mill-grupp globali għas-segment industrijali. L-istess metodoloġija diġà ġiet applikata wkoll qabel, bl-użu tal-istess grupp, segment industrijali u produttur tal-GFR, matul l-istess sena (jiġifieri l-2023), għall-kalkolu tal-kostijiet SG&A u tal-profitt ta' wieħed mill-prodotti downstream tal-GFR ([114]). Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-asserzjoni.

4.4. **Prezz tal-esportazzjoni**

(207) Il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil konsumaturi indipendenti jew permezz ta' kumpaniji relatati.

(208) Għall-produtturi esportaturi li esportaw il-prodott ikkonċernat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li effettivament tħallas jew dak pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(209) Għal bejgħ indirett, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Ġurisprudenza stabbilita tiċċara li l-aġġustamenti skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku jinkludu l-kostijiet imġarrba minn entità li tinsab barra mill-Unjoni Ewropea, dment li tali entità tidher li hija assoċjata mal-importatur jew mal-esportatur u li l-kostijiet inkwistjoni normalment jiġġarrbu minn importatur ([115]). F'dan il-kuntest, il-ġurisprudenza tqabbel dawn il-kostijiet ma' dawk relatati mal-attivitajiet ta' bejgħ imwettqa mis-sussidjarji peress li jnaqqsu l-ammont riċevut mill-produttur esportatur, sa fejn tipikament jiġġarrbu mill-importatur ([116]). Kif innotat mill-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-approċċ huwa konformi mal-objettiv tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament

([114]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2673 tal-11 ta' Ottubru 2024 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-fibra tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2024/2673, 14.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2673/oj).

([115]) Ara s-Sentenza tas-7 ta' Marzu 2024, AO Nevinnomysskiy Azot u AO Novomoskovskaya Aktsionernaya Kompania NAK "Azot" vs Il-Kummissjoni Ewropea, C-725/22 P, ECLI:EU:C:2024:217, il-punti 67 u 72.

([116]) Is-Sentenza tal-14 ta' Marzu 1990, Gestetner Holdings plc vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, C-156/87, ECLI:EU:C:1990:116, il-punt 31.

bażiku. Skont il-Qorti, dan l-għan ma jintlaħaqx jekk produttur esportatur ikun jista' sempliċement jistruttura l-bejgħ tiegħu b'mod li jiżgura l-involviment, qabel l-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni Ewropea, ta' intermedjarju assoċjat miegħu li jassumi r-responsabbiltà għall-kostijiet normalment imġarrba minn importatur, b'tali mod li jżid il-prezz tal-esportazzjoni effettivament imħallas mill-importatur ([117]).

(210) Il-Kummissjoni nnotat li n-negozjant relatat mal-produtturi esportaturi li jinsabu f'Hong Kong kien qed iġarrab kostijiet normalment imġarrba minn importatur, inklużi dawk relatati mal-fatturazzjoni ta' klijenti mhux relatati li jinsabu fl-Unjoni. Għalhekk, aġġustament skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku għal dawn il-kostijiet (kostijiet SG&A) u profitt nominali kien ġustifikat.

(211) Għall-produtturi esportaturi li esportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpaniji relatati li jaġixxu bħala importatur, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, saru aġġustamenti fil-prezz għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inklużi l-ispejjeż SG&A, u għall-profitti akkumulati.

(212) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' importaturi mhux relatati f'dan il-każ, intuża profitt raġonevoli stabbilit għal 5 % fl-investigazzjoni dwar id-drappijiet tal-fibra tal-ħġieġ ("GFF, Glass Fibre Fabrics") oriġinali ([118]) għal prodott tal-fibra tal-ħġieġ downstream biex jiġi stabbilit prezz tal-esportazzjoni affidabbli fil-livell tal-fruntiera tal-Unjoni.

4.5. **Tqabbil**

(213) L-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku jirrikjedi li l-Kummissjoni tagħmel tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fl-istess livell tal-kummerċ u li tagħmel konċessjonijiet għad-differenzi fil-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet. Fil-każ inkwistjoni, il-Kummissjoni għażlet li tqabbel il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika. Kif spjegat aktar hawn taħt, meta jkun xieraq, il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni ġew aġġustati sabiex: (i) jiġu nnettjati lura għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u (ii) isiru konċessjonijiet għad-differenzi fil-fatturi li ġew asseriti, u murija, li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet.

4.5.1. *Aġġustamenti li saru fil-valur normali*

(214) Kif spjegat fil-premessa (194), il-valur normali ġie stabbilit fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika bl-użu tal-kostijiet ta' produzzjoni flimkien mal-ammonti għall-kostijiet SG&A u għall-profitt, li tqiesu raġonevoli għal dak il-livell ta' kummerċ. Għalhekk, ma kien neċessarju l-ebda aġġustament biex il-valur normali jiġi nnettjat lura għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

4.5.2. *Aġġustamenti li saru fil-prezz tal-esportazzjoni*

(215) Sabiex il-prezz tal-esportazzjoni jiġi nnettjat lura għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika, saru aġġustamenti minħabba: id-dazju doganali, imposti oħra fuq l-importazzjoni, il-merkanzija, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar u t-tagħbija u spejjeż anċillari.

(216) Saru konċessjonijiet għall-fatturi li ġejjin li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet: il-kost tal-kreditu, l-imposti bankarji u l-kummissjonijiet.

4.6. **Marġnijiet tad-dumping**

(217) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(218) Minħabba r-rata għolja ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, id-dazju għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" ġie stabbilit fil-livell tal-ogħla dazju li għandu jiġi impost fuq il-kumpaniji inklużi fil-kampjun jew fuq dawk li kkooperaw fl-investigazzjoni. Id-dazju tal-"kumpaniji l-oħrajn kollha" se jiġi applikat għal dawk il-kumpaniji li ma kkooperawx fl-investigazzjoni.

([117]) Is-Sentenza tas-7 ta' Marzu 2024, AO Nevinnomysskiy Azot u AO Novomoskovskaya Aktsionernaya Kompania NAK "Azot" vs Il-Kummissjoni Ewropea, C-725/22 P, ECLI:EU:C:2024:217, il-punt 66.

([118]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492 tal-1 ta' April 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu (ĠU L 108, 6.4.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/492/oj) il-premessa (272).

(219) Chongqing Polycomp International Corporation kienet l-uniku produttur esportatur li ppreżenta ruħu matul l-eżerċizzju tal-kampjunar u ma kienx inkluż fil-kampjun. Ir-rata tad-dazju definittiv tiegħu hija stabbilita fil-medja ponderata tar-rati stabbiliti għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li kkooperaw.

(220) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi espressi bħala perċentwal tal-prezz tal-kost, l-assigurazzjoni u n-nol (CIF, Cost, Insurance and Freight) fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv
CNBM Group, li jikkonsisti minn: — Jushi Group Co., Ltd.; — Jushi Group Chengdu Co., Ltd.; — Jushi Group Jiujiang Co., Ltd.; — Taishan Fiberglass Inc.;	33,2 %
Jiangsu Changhai Composite Materials Holding Co., Ltd.	23,0 %
Chongqing Polycomp International Corporation.	30,2 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	33,2 %

5. DANNU

5.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(221) Il-prodott simili kien immanifatturat minn għaxar produtturi fl-Unjoni fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat, filwaqt li tnejn minnhom waqqfu l-produzzjoni matul l-RIP, kif imsemmi fil-premessa (46). Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(222) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul l-RIP ġiet stabbilita fil-livell ta' 504 019-il tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tal-informazzjoni disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni kif ipprovduta minn Glass Fibre Europe ("GFE"). Kif indikat fil-premessa (19), fil-kampjun intgħażlu impjanti tal-manifattura ta' tliet produtturi tal-Unjoni, li jirrappreżentaw 60 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

5.2. Konsum tal-Unjoni

(223) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi ta' (i) il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles tal-Unjoni abbażi tad-data pprovduta mill-GFE u (ii) l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi abbażi tad-data estratta mill-Eurostat (Comext).

Tabella 2

Konsum tal-Unjoni (tunnellati)

	2021	2022	2023	RIP
Konsum Totali tal-Unjoni	905 048	953 104	833 320	853 661
Indiċi	*100*	*105*	*92*	*94*

Sors: Data pprovduta mill-GFE; Eurostat (Comext).

(224) Il-konsum totali tal-GFR fl-Unjoni naqas b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat. Iż-żieda osservata fl-2022 kienet prinċipalment dovuta għall-irkupru ekonomiku wara t-tneħħija tal-miżuri tal-COVID-19 hekk kif l-utenti reġgħu bdew jagħmlu ordnijiet biex jerġgħu jaħżnu l-inventarji u reġgħu bdew il-produzzjoni. Madankollu, matul l-2023 id-domanda għall-GFR fl-Unjoni naqset filwaqt li fl-RIP irkuprat bi 2 %. It-tnaqqis fil-konsum u l-irkupru dgħajjef sussegwenti ġew attribwiti għal ordnijiet eċċessivi fis-snin preċedenti u nfiq tal-konsumatur aktar kawt minħabba l-klima ekonomika fl-RIP.

5.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

5.3.1. *Volum u sehem mis-suq*

(225) L-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Volum tal-importazzjonijiet (f'tunnellati metriċi) u sehem mis-suq

	2021	2022	2023	RIP
Volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ	56 974	107 404	80 039	86 005
Indiċi	*100*	*189*	*140*	*151*
Sehem mis-suq	6 %	11 %	10 %	10 %
Indiċi	*100*	*181*	*155*	*163*

Sors: Eurostat (Comext).

(226) Anke bil-miżuri stabbiliti, il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ żdied b'51 % matul il-perjodu kkunsidrat. Meta wieħed iqis l-evoluzzjoni tal-konsum, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied minn 6 % fl-2021 għal 10 % fl-RIP.

5.3.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u twaqqigħ tal-prezz*

(227) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi ta' data tal-Eurostat. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ żviluppa kif ġej:

Tabella 4

Prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/ tunnellata)

	2021	2022	2023	RIP
Ir-RPĊ	1 302	1 585	1 026	939
Indiċi	*100*	*122*	*79*	*72*

Sors: Eurostat (Comext).

(228) Il-prezz medju tal-importazzjoni tal-prodott taħt rieżami fl-Unjoni inizjalment żdied bi 22 % fl-2022 minħabba kostijiet eċċezzjonalment għoljin tat-trasport li segwew it-tneħħija tal-miżuri tal-COVID-19. Sussegwentement, seta' jiġi osservat tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet medji tal-importazzjoni. Fl-RIP, il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni kien 28 % inqas milli fl-2021.

(229) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

— il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mitluba lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika, u

— il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' Kost, assigurazzjoni u nol (CIF), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali konvenzjonali, anti-dumping u kumpensatorji, u l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(230) Għall-produttur esportatur inkluż fil-kampjun Taishan Fiberglass Inc., il-bejgħ li sar skont ftehim ta' provvista speċjali mal-produttur tal-Unjoni European Owens Corning Fiberglas SPRL ġie esklużmill-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz minħabba li l-prodott inkwistjoni—fibra tal-ħġieġ reżistenti għall-alkali użata għar-rinfurzar tas-siment—ma kinitx prodotta fl-Unjoni. Minflok, il-prodott huwa mmanifatturat esklużivament fiċ-Ċina u fil-Ġappun skont ftehim ta' provvista li ilu jeżisti bejn dawn iż-żewġ kumpaniji, bi produzzjoni li tibbaża fuq it-teknoloġija u l-inputs proprjetarji ta' European Owens Corning Fiberglas SPRL (eż. bushings).

(231) It-tqabbil wera li, matul l-RIP, l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ inbiegħu fl-Unjoni bi prezzijiet li waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, meta espressi bħala perċentwal ta' dawn tal-aħħar, b'minn 16,64 % sa 30,68 %, anke meta ġew inklużi d-dazji anti-dumping u kumpensatorji applikabbli.

(232) Minbarra t-twaqqigħ tal-prezz, kien hemm ukoll soppressjoni sinifikanti tal-prezzijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku. Minħabba l-pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet ikkawżata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezz baxx mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħolli l-prezzijiet tagħha matul l-RIP f'konformità mal-iżvilupp tal-kostijiet tal-produzzjoni filwaqt li ppruvat tikseb livell raġonevoli ta' profitt, kif stabbilit fit-Tabella 9 hawn taħt. Is-soppressjoni sinifikanti tal-prezzijiet ġiet ikkonfermata mid-data fit-Tabella 4 kif ukoll mill-bejgħ taħt il-prezz misjub abbażi tad-data pprovduta mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

5.4. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

5.4.1. *Kummenti ġenerali*

(233) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(234) Kif imsemmi fil-premessa (19), il-kampjunar intuża għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(235) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-GFE. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-data inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(236) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(237) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet unitarji medji, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

5.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

5.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(238) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2021	2022	2023	RIP
Volum tal-produzzjoni (tunnellati metriċi)	616 388	620 455	528 204	504 019
Indiċi	*100*	*101*	*86*	*82*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati metriċi)	711 692	696 059	683 048	651 196
Indiċi	*100*	*98*	*96*	*91*
Użu tal-kapaċità	87 %	89 %	77 %	77 %
Indiċi	*100*	*103*	*89*	*89*

Sors: GFE.

(239) Il-volum tal-produzzjoni fl-2022 żdied bi ftit meta mqabbel mal-2021 wara l-illaxkar tal-miżuri tal-COVID-19 li ffaċilitaw produzzjoni aktar stabbli. Barra minn hekk, fl-2022 diversi produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żiedu l-volum tal-produzzjoni biex jakkumulaw inventarji ta' prodotti lesti fid-dawl tal-bini mill-ġdid ippjanat ta' fran. Madankollu, fl-2023 u l-RIP kien hemm tnaqqis sinifikanti fil-volum tal-produzzjoni peress li l-produtturi tal-Unjoni kienu qegħdin ibigħu inventarji akkumulati filwaqt li fl-istess ħin l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tħabbat wiċċha ma' tnaqqis fid-domanda u żieda fl-importazzjonijiet tal-GFR mir-RPĊ bi prezzijiet baxxi.

(240) Il-kapaċità tal-produzzjoni naqset b'mod konsistenti matul il-perjodu kkunsidrat u tnaqqset b'9 %. Kif spjegat fil-premessa (46), it-tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni mill-2021 sa tmiem l-RIP kien dovut għall-fatt li xi produtturi tal-Unjoni waqqfu l-produzzjoni, bi Krosglass S.A. twaqqaf il-produzzjoni tal-GFR fil-Polonja u Electric Glass Fiber NL, B.V. tidħol fi proċedimenti ta' falliment. Barra minn hekk, wara l-Brexit, NEG UK ġiet eskluża mill-industrija tal-Unjoni, u dan ikkontribwixxa wkoll għat-tnaqqis apparenti fil-kapaċità meta mqabbel mal-investigazzjoni tar-rieżami preċedenti.

(241) L-użu tal-kapaċità naqas b'10 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat peress li l-volum tal-produzzjoni naqas aktar mill-kapaċità tal-produzzjoni.

5.4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(242) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles u s-sehem mis-suq żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Volum tal-bejgħ fis-suq ħieles u s-sehem mis-suq (tunnellati)

	2021	2022	2023	RIP
Volum tal-bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni	405 241	373 138	341 558	337 898
Indiċi	*100*	*92*	*84*	*83*
Sehem mis-suq	45 %	40 %	42 %	40 %
Indiċi	*100*	*88*	*93*	*90*

Sors: GFE.

(243) Fil-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-bejgħ fis-suq ħieles tal-Unjoni (eskluż il-bejgħ kaptiv) u s-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni esperjenzaw xejriet notevoli 'l isfel li jirriflettu tnaqqis fid-domanda flimkien ma' żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ bi prezzijiet baxxi. B'mod parallel, filwaqt li l-konsum tas-suq ħieles naqas b'6 %, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas saħansitra aktar u b'hekk is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 45 % fl-2021 għal 40 % fl-RIP.

(244) Il-volum kaptiv żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Volum kaptiv fis-suq tal-Unjoni (tunnellati metriċi)

	2021	2022	2023	RIP
Volum kaptiv fis-Suq tal-Unjoni	104 510	103 486	94 143	94 536
Indiċi	*100*	*99*	*90*	*90*

Sors: GFE.

(245) Il-volum kaptiv tal-industrija tal-Unjoni (magħmul minn trasferimenti kaptivi u bejgħ kaptiv fis-suq tal-Unjoni) fis-suq tal-Unjoni naqas b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat. Filwaqt li l-bejgħ kemm fis-suq ħieles kif ukoll fis-suq kaptiv segwa xejra simili mill-2021 sa tmiem l-RIP, it-tnaqqis fil-bejgħ fis-suq kaptiv kien 7 punti perċentwali inqas milli fis-suq ħieles.

5.4.2.3. Impjiegi u produttività

(246) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Impjiegi u produttività

	2021	2022	2023	RIP
Għadd ta' impjegati	3 240	3 293	3 178	2 690
Indiċi	*100*	*102*	*98*	*83*
Produttività (tunnellata metrika/impjegat)	190	188	166	187
Indiċi	*100*	*99*	*87*	*98*

Sors: GFE.

(247) Fil-perjodu kkunsidrat, l-għadd ta' impjegati fl-industrija tal-Unjoni wera kemm żieda inizjali kif ukoll tnaqqis sussegwenti. Iż-żieda inizjali fl-2022 meta mqabbla mal-2021 kienet tikkorrispondi għaż-żieda fil-produzzjoni u fil-bejgħ wara l-illaxkar tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Sussegwentement, l-industrija tal-Unjoni kellha tnaqqas l-impjiegi biex taġġusta għall-kundizzjonijiet tas-suq diffiċli u żżomm l-effiċjenza operazzjonali, u xi produtturi tal-Unjoni waqqfu l-produzzjoni tal-GFR għalkollox kif spjegat fil-premessa (46).

(248) Il-produttività naqset bejn l-2021 u l-2023 minn 190 tunnellata / impjegat għal 166 tunnellata / impjegat qabel ma rpiljat fl-RIP għal 187 tunnellata / impjegat wara li l-impjieg naqas b'mod sinifikanti. It-titjib fl-effiċjenza segwa wkoll l-investiment imwettaq fuq il-fran minn diversi produtturi tal-GFR tal-Unjoni.

5.4.2.4. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(249) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ogħla b'mod sinifikanti mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet reali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni ma kienx negliġibbli, meta wieħed iqis il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

5.4.2.5. Tkabbir

(250) Il-konsum ġenerali tal-Unjoni naqas b'6 % waqt il-perjodu kkunsidrat. Il-volum totali tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas saħansitra aktar, b'16 %. B'hekk, l-industrija tal-Unjoni tilfet sehem mis-suq, għall-kuntrarju tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat li żdied matul il-perjodu kkunsidrat.

5.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

5.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(251) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Prezzijiet tal-bejgħ u kost tal-produzzjoni fl-Unjoni (EUR/tunnellata metrika)

	2021	2022	2023	RIP
Prezz medju tal-bejgħ għal kull unità fl-Unjoni	1 100	1 540	1 343	1 209
Indiċi	*100*	*140*	*122*	*110*
Kost tal-produzzjoni ta' unità	1 161	1 437	1 458	1 351
Indiċi	*100*	*124*	*126*	*116*

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(252) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ żdiedu fl-2022 meta mqabbla mal-2021 peress li l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun setgħu jgħaddu ż-żieda fil-kostijiet xprunata mill-inflazzjoni fuq il-klijenti minħabba żieda fid-domanda. Fl-2023 u fl-RIP il-prezzijiet medji tal-bejgħ naqsu b'riżultat ta' domanda tas-suq globali aktar baxxa u pressjoni akbar fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet mir-RPĊ.

(253) Il-kostijiet tal-produzzjoni ta' unità żdiedu b'26 % mill-2021 sal-2023 minħabba żieda fil-kostijiet lavorattivi u fil-materja prima. Barra minn hekk, il-kostijiet tal-enerġija kienu volatili, u kellhom impatt sinifikanti fuq l-industriji li jibbażaw ħafna fuq l-enerġija. Il-kost unitarju tal-produzzjoni naqas fl-RIP, iżda baqa' ferm ogħla mil-livell tal-2021, bis-saħħa ta' tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija, effiċjenza enerġetika mtejba u strateġiji ta' ġestjoni tal-kostijiet ta' suċċess.

5.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(254) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2021	2022	2023	RIP
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	59 946	64 857	66 777	66 728
Indiċi	*100*	*108*	*111*	*111*

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(255) Il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat segwa xejra konsistenti ta' żieda b'żieda ġenerali ta' 11 % matul il-perjodu kkunsidrat. Iż-żieda kienet prinċipalment dovuta għall-pressjonijiet tas-suq tax-xogħol, hekk kif il-kumpaniji żiedu l-pagi biex iżommu u jattiraw impjegati f'suq tax-xogħol strett ta' wara l-COVID ikkaratterizzat minn inflazzjoni għolja.

5.4.3.3. Inventarji

(256) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

Inventarji

	2021	2022	2023	RIP
Stokk tal-għeluq (tunnellati metriċi)	41 544	68 278	51 620	37 371
Indiċi	*100*	*164*	*124*	*90*

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(257) Iż-żieda fl-inventarji fl-2022 inizjalment kienet xprunata minn bini strateġiku tal-istokk b'antiċipazzjoni tal-bini mill-ġdid ippjanat tal-fran. Dan kien allinjat ma' perjodu aktar bikri matul il-COVID-19 meta kien hemm żieda sinifikanti fil-kwistjonijiet tad-domanda u tal-katina tal-provvista li wassal lill-produtturi tal-Unjoni jordnaw b'mod eċċessiv il-materja prima biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-produzzjoni. Wara t-tlestija tal-bini mill-ġdid tal-fran, l-inventarji naqsu hekk kif il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun irnexxielhom ibigħu l-istokks eżistenti fl-2023 u fl-RIP. Iż-żidiet fl-inventarji fl-2022 kienu dovuti għaż-żieda fil-bini tal-istokk b'antiċipazzjoni tal-għeluq matul il-bini mill-ġdid ippjanat tal-forn. Madankollu, ladarba sar il-bini mill-ġdid, kien hemm tnaqqis fl-inventarji hekk kif il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun irnexxielhom ibigħu dawk l-inventarji fl-2023 u l-RIP li jikkoinċidi ma' tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni

5.4.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(258) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2021	2022	2023	RIP
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	- 5,4 %	8,0 %	- 7,3 %	- 10,6 %
Indiċi	*100*	*148*	*- 136*	*- 198*
Fluss tal-flus (EUR)	10 165 478	26 151 455	20 865 951	56 808 127
Indiċi	*100*	*257*	*205*	*559*
Investimenti (EUR)	29 103 848	35 118 981	72 272 923	47 662 277
Indiċi	*100*	*121*	*248*	*164*
Redditu fuq l-investimenti	- 6 %	13 %	- 6 %	- 9 %
Indiċi	*100*	*228*	*- 109*	*- 166*

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(259) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Filwaqt li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet telf fl-2021, kien hemm żieda fil-profittabbiltà fl-2022 peress li l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun setgħu jgħaddu ż-żieda fil-kostijiet unitarji tal-produzzjoni lill-klijenti bis-saħħa ta' kundizzjonijiet tas-suq favorevoli marbuta ma' domanda għolja u kostijiet għoljin tat-trasport. Fl-2023 u fl-RIP, il-profittabbiltà, madankollu, naqset minħabba żieda fil-kostijiet li ma setgħetx tiġi kkumpensata b'żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ minħabba żieda fil-volumi tal-importazzjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ li waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

(260) L-investimenti żdiedu matul il-perjodu kkunsidrat. Dawn l-investimenti kienu prinċipalment relatati mal-bini mill-ġdid ta' fran tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun bl-għan li tiġi żgurata l-lonġevità tat-tagħmir. Dawn l-investimenti, li kienu ilhom li ġew ippjanati, seħħew fl-isfond ta' kundizzjonijiet tas-suq mhux favorevoli prevalenti fl-2023 u fl-RIP.

(261) Il-fluss tal-flus mill-2021 sal-RIP wera fluttwazzjonijiet sinifikanti xprunati minn kundizzjonijiet volatili tas-suq u limitazzjonijiet operazzjonali speċifiċi ta' xi impjanti bħala riżultat tal-posponiment tal-bini mill-ġdid tal-fran. Matul il-perjodu kkunsidrat, l-2022 kienet l-unika sena li fiha l-produtturi kollha tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kisbu profitti sinifikanti, eżawriti parzjalment fl-akkumulazzjoni ta' inventarji fid-dawl tal-bini mill-ġdid ippjanat ta' fran, u dan wassal għal fluss tal-flus pożittiv. Fl-2023 u matul l-RIP, minkejja li esperjenzaw telf kbir, il-flussi tal-flus baqgħu pożittivi. Din is-sitwazzjoni li tidher kontradittorja, b'mod partikolari evidenti fl-RIP, tista' tiġi attribwita l-aktar għall-impatt pożittiv sinifikanti tal-fluss tal-flus li jirriżulta mit-tnaqqis fil-livelli tal-inventarju li kien ġie akkumulat fl-2022.

(262) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Ir-redditu fuq l-investiment żviluppa f'konformità mal-profittabbiltà. L-ewwel żdied fl-2022 qabel ma ddeterjora fl-2023 u saħansitra aktar fl-RIP, li għamilha aktar diffiċli għall-industrija tal-Unjoni biex tiġbor il-kapital u tikber.

5.4.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(263) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni kienet profittabbli biss fl-2022, u wara reġgħet bdiet tagħmel telf. Fl-2023 u fl-RIP, is-sitwazzjoni ta' telf tal-industrija tal-Unjoni kkoinċidiet ma' żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ bi prezzijiet taħt il-prezzijiet medji tal-bejgħ u l-kostijiet tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(264) L-industrija tal-Unjoni setgħet iżżid il-livell tal-prezzijiet tagħha fl-2022 biex tikseb sitwazzjoni profittabbli. Madankollu, fl-2023 u fl-RIP, id-differenza bejn il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedet. Il-prezzijiet tal-Unjoni żdiedu b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ naqsu bi 28 % matul l-istess perjodu. Konsegwentement, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mir-RPĊ segwew xejra opposta għal dik tal-industrija tal-Unjoni. B'riżultat ta' dan, minkejja li l-industrija tal-Unjoni kienet imġiegħla tbigħ b'telf, hija tilfet sehem mis-suq għall-importazzjonijiet mir-RPĊ bejn l-2021 u l-RIP.

(265) Kważi l-indikaturi kollha tad-dannu wrew xejra negattiva ġenerali matul il-perjodu kkunsidrat. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-profittabbiltà, ir-redditu fuq l-investimenti kollha ddeterjoraw, f'konformità mat-tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ u fis-sehem mis-suq. Fl-2022, l-Unjoni setgħet tirkupra sa ċertu punt hekk kif id-domanda għall-GFR żdiedet wara t-tneħħija tal-miżuri tal-COVID-19. Madankollu, fl-2023 u fl-RIP minħabba ż-żieda fil-volum tal-importazzjoni bi prezzijiet dejjem jonqsu, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kompliet tmur għall-agħar kif muri miż-żieda fit-telf tagħha.

(266) Kif stabbilit hawn fuq, indikaturi ekonomiċi oħra bħar-redditu fuq l-investiment kienu negattivi matul il-perjodu kkunsidrat bl-eċċezzjoni tas-sena 2022. Dan affettwa l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja lilha nnifisha u li tiġbor il-kapital, u b'hekk impedixxa t-tkabbir tagħha u saħansitra hedded is-sopravivenza tagħha fuq terminu medju sa twil.

(267) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

6. KAWŻALITÀ

(268) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

(269) F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħra setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi għajr l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Il-fatturi kkunsidrati mill-Kummissjoni kienu importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, iż-żieda fil-kost tal-materja prima u l-kost tal-enerġija fuq l-industrija tal-Unjoni u t-tnaqqis fid-domanda.

6.1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

(270) Il-Kummissjoni eżaminat l-evoluzzjoni tal-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u l-impatt tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

6.2. Kwantità u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat

(271) L-investigazzjoni wriet li, minkejja l-miżuri anti-dumping u kumpensatorji fis-seħħ u t-tnaqqis fil-konsum, il-volum tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni mir-RPĊ żdied kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi matul il-perjodu kkunsidrat. Meta wieħed iqis l-2021 bħala sena ta' referenza, il-volum tal-importazzjoni żdied b'51 % filwaqt li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ żdied minn 6 % fl-2021 għal 10 % fl-RIP.

(272) Fl-istess ħin, l-industrija tal-Unjoni rat is-sehem mis-suq tagħha jonqos b'ħames punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat.

6.3. Il-prezz tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat u l-effett fuq il-prezzijiet

(273) Il-prezzijiet unitarji medji tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping naqsu bi 28 % bejn l-2021 u l-RIP u kienu aktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni matul l-istess perjodu.

(274) L-industrija tal-Unjoni kienet profittabbli fl-2022 u saret industrija li tagħmel it-telf wara, li kkoinċida mat-tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ. Anke wara li naqqset il-prezz tal-bejgħ tagħha fl-2023 u fl-RIP, l-industrija tal-Unjoni naqset milli żżomm is-sehem mis-suq tagħha. Dan it-tnaqqis fil-prezz sar għad-detriment tal-profittabbiltà, u dan wassal għal sitwazzjoni ta' telf.

(275) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li l-livell tal-prezz tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ, kellu impatt negattiv konsiderevoli fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni u għalhekk kellu rwol deċiżiv fid-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

6.4. Rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ u d-dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni

(276) Id-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kkoinċida ma' żieda fil-preżenza ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ. F'kuntest ta' suq li qiegħed jiċkien, iż-żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ flimkien mal-prezzijiet tal-bejgħ medji baxxi tagħhom kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni. Għalkemm l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tirkupra fl-2022, ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha b'mod suffiċjenti biex tkopri bis-sħiħ iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, minħabba ż-żieda fil-preżenza ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-GFR mir-RPĊ. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ bi prezzijiet oġġett ta' dumping ikkoinċidiet mad-deterjorament sinifikanti tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-2023, li kompliet fl-RIP.

(277) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

6.5. Effetti ta' fatturi oħrajn

6.5.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ*

(278) L-importazzjonijiet tal-GFR minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ oriġinaw prinċipalment mill-Eġittu, mill-Malażja u mir-Renju Unit.

(279) Il-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet tal-prezzijiet għall-importazzjonijiet tal-GFR minn pajjiżi terzi oħra żviluppaw kif ġej:

Tabella 13

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2021	2022	2023	RIP
Il-Malażja	Volum (tunnellati)	136 086	114 844	76 909	84 827
	Indiċi	*100*	*84*	*57*	*62*
	Sehem mis-suq	15 %	12 %	9 %	10 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 049	1 389	1 146	975
	Indiċi	*100*	*132*	*109*	*93*
L-Eġittu	Volum (tunnellati)	112 120	117 953	106 599	113 312
	Indiċi	*100*	*105*	*95*	*101*
	Sehem mis-suq	12 %	12 %	13 %	13 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	803	1 193	932	771
	Indiċi	*100*	*149*	*116*	*96*

Pajjiż		2021	2022	2023	RIP
Ir-Renju Unit	Volum (tunnellati)	34 509	57 306	50 127	47 437
	Indiċi	*100*	*166*	*145*	*137*
	Sehem mis-suq	4 %	6 %	6 %	6 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 017	1 331	1 397	1 273
	Indiċi	*100*	*131*	*137*	*125*
Pajjiżi terzi oħra mhux imsemmija hawn fuq	Volum (tunnellati)	160 116	173 659	165 869	170 443
	Indiċi	*100*	*108*	*104*	*106*
	Sehem mis-suq	18 %	18 %	20 %	20 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 069	1 595	1 299	1 164
	Indiċi	*100*	*149*	*121*	*109*
Total tal-pajjiżi terzi kollha (għajr ir-RPĊ)	Volum (tunnellati)	442 833	463 762	399 504	416 019
	Indiċi	*100*	*105*	*90*	*94*
	Sehem mis-suq	49 %	49 %	49 %	50 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	992	1 409	1 184	1 031
	Indiċi	*100*	*139*	*116*	*101*

Sors: Eurostat (Comext).

(280) Ix-xejra fl-importazzjonijiet Malażjani lejn l-Unjoni mill-2021 sal-RIP uriet tnaqqis sinifikanti kemm fil-volum kif ukoll fis-sehem mis-suq, flimkien ma' fluttwazzjonijiet fl-ipprezzar. Il-volumi tal-importazzjoni naqsu drastikament minn 136 086 tunnellata metrika fl-2021 għal 76 909 tunnellati metriċi fl-2023, qabel irkupru minuri għal 84 827 tunnellata sal-RIP. B'mod korrispondenti, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Malażjani naqas minn 15 % għal 9 % qabel ma tjieb bi ftit għal 10 %. Għalkemm il-prezz medju għal kull tunnellata metrika inizjalment żdied bi 32 % fl-2022, kien hemm tnaqqis sinifikanti fl-2023 u fl-RIP.

(281) Il-volumi u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet tal-GFR li joriġinaw mill-Eġittu baqgħu stabbli fost fluttwazzjoni sinifikanti tal-prezzijiet, speċjalment meta mqabbla mal-prezzijiet medji tal-Unjoni. Il-volumi ta' importazzjonijiet Eġizzjani wrew żieda żgħira ta' madwar 5 % mill-2021 sal-2022, tnaqqis ta' madwar 10 % fl-2023 u ritorn għal livelli kważi oriġinali mill-RIP, filwaqt li zammew sehem mis-suq kostanti ta' 12 % li kiber bi ftit għal 13 % fl-RIP. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Eġizzjani baqgħu aktar baxxi kemm mill-prezzijiet medji tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi.

(282) L-importazzjonijiet tal-GFR mir-Renju Unit fl-Unjoni bejn l-2021 u l-RIP urew żieda fil-volum, u sehem mis-suq relattivament stabbli. Il-volumi tal-importazzjonijiet mir-Renju Unit żdiedu mill-2021 sal-2022, qabel ma naqsu b'madwar 12 % fl-2023 u b'5 % oħra sal-RIP. Is-sehem mis-suq żdied minn 4 % għal 6 % matul l-2022 u l-2023, u naqas bi ftit għal 5 % fl-RIP. Il-prezz medju għal kull tunnellata metrika mir-Renju Unit kien f'livelli simili jew ogħla mill-prezz medju tal-industrija tal-Unjoni, u ogħla mill-prezz tal-importazzjonijiet mir-RPĊ. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-Renju Unit l-ewwel żdiedu b'31 % mill-2021 sal-2022 u komplew jiżdiedu għal EUR 1 397 fl-2023, qabel tnaqqis żgħir għal EUR 1 273 fl-RIP.

(283) L-importazzjonijiet tal-GFR minn pajjiżi terzi, esklużi dawk speċifikati qabel, fl-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat esperjenzaw żieda fil-volum u fis-sehem mis-suq li żdiedu minn 18 % għal 20 %. Madankollu, il-prezzijiet medji minn dawn il-pajjiżi kienu ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ.

(284) L-analiżi tad-data dwar l-importazzjoni għall-GFR li toriġina minn pajjiżi terzi oħra turi stampa mħallta. L-importazzjonijiet mill-Malażja naqsu b'mod sinifikanti f'termini assoluti u relattivi matul il-perjodu kkunsidrat filwaqt li kellhom prezz taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Eġittu baqgħu stabbli filwaqt li kellhom ukoll prezz taħt il-prezzijiet medji tal-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet mir-Renju Unit, għalkemm żdiedu, daħlu fl-Unjoni bi prezzijiet ogħla fl-2023 u fl-RIP. Il-volumi tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra mhux imsemmija hawn fuq żdiedu f'termini assoluti u relattivi matul il-perjodu kkunsidrat. Kollox ma' kollox, ma kien hemm l-ebda importazzjoni sinifikanti minn pajjiżi terzi li żiedu s-sehem mis-suq tagħhom filwaqt li żammew prezzijiet inqas minn dawk tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, u b'mod partikolari fl-RIP.

(285) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ.

6.5.2. *Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(286) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 14

Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni

	2021	2022	2023	RIP
Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati)	83 052	85 859	88 712	105 695
Indiċi	*100*	*103*	*107*	*127*
Prezz medju (EUR/tunnellata)	1 204	1 807	1 715	1 620
Indiċi	*100*	*150*	*142*	*135*

Sors: GFE, Prodotturi tal-Unjoni inkużi fil-kampjun.

(287) Mill-2021, l-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni żdiedu gradwalment, għalkemm baqgħu żgħar meta mqabbla mal-bejgħ totali. Dawn l-esportazzjonijiet kienu fil-biċċa l-kbira magħmula minn prodotti ta' speċifikazzjonijiet tekniċi ogħla, li kienu jipproteġuhom minn kompetizzjoni diretta fil-prezzijiet. Konsegwentement, l-Unjoni setgħet tikseb prezzijiet ogħla għal dawn il-prodotti tal-GFR fis-swieq internazzjonali meta mqabbla mas-suq tal-Unjoni. Dan irrifletta enfasi strateġika fuq swieq niċċa barra mill-pajjiż.

(288) Għalhekk, iż-żieda fil-bejgħ għall-esportazzjoni ma naqqsitx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, il-bejgħ għall-esportazzjoni ppermetta lill-industrija tal-Unjoni ttejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tagħha bis-saħħa taż-żieda fil-volum tal-bejgħ u l-livelli tal-prezzijiet miksuba, li kienu ogħla milli fis-suq tal-Unjoni.

6.5.3. *Kostijiet tal-enerġija u tal-materja prima*

(289) Il-prezz medju tal-enerġija tal-industrija tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 15

Prezzijiet tal-enerġija u tal-materja prima fl-Unjoni

	2021	2022	2023	RIP
Kost medju tal-enerġija għal kull tunnellata fl-Unjoni	210	412	233	204
Indiċi	*100*	*197*	*111*	*97*

	2021	2022	2023	RIP
Kost medju tal-materja prima għal kull tunnellata fl-Unjoni	182	240	261	231
Indiċi	*100*	*132*	*144*	*127*

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(290) Ix-xejra fil-prezzijiet tal-enerġija fl-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat uriet żieda sinifikanti u stabbilizzazzjoni eventwali. Iż-żieda qawwija fl-2022, meta mqabbla mal-2021, ġiet aggravata mill-konsegwenzi tat-tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw il-provvista tal-enerġija prinċipalment minħabba l-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Iż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija kellha impatt sinifikanti fuq il-kostijiet tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Sal-2023, il-prezzijiet tal-enerġija naqsu.

(291) L-investigazzjoni żvelat li l-kost tal-materja prima ewlenija żdied b'mod sostanzjali fl-2022, u kkontribwixxa għal żieda sinifikanti fil-prezz tal-bejgħ ta' unità peress li l-industrija tal-Unjoni setgħet tgħaddi dawn il-kostijiet lill-klijenti. Għall-kuntrarju, filwaqt li fl-2023 il-kostijiet tal-materja prima komplew jiżdiedu, il-prezz tal-bejgħ unitarju naqas peress li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħaddi dawn il-kostijiet addizzjonali lill-klijenti. Fl-RIP, filwaqt li l-kostijiet tal-materja prima naqsu meta mqabbla mal-kostijiet osservati fis-snin 2023 u 2022, il-prezzijiet tas-suq tal-Unjoni komplew jonqsu minħabba li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżomm jew iżżid il-prezzijiet tagħha minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina.

(292) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija u tal-kostijiet tal-materja prima ma naqqsitx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

6.5.4. *Volum kaptiv tal-industrija tal-Unjoni*

(293) Kif innotat fil-premessa (245), il-bejgħ kemm fis-suq ħieles kif ukoll f'dak kaptiv wera xejra simili matul il-perjodu kkunsidrat, bil-bejgħ kaptiv jesperjenza tnaqqis aktar bil-mod, b'mod speċifiku ta' 7 punti perċentwali inqas. Għalhekk, il-bejgħ kaptiv ma setax jitqies bħala fattur li dgħajjef ir-relazzjoni kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u l-effett tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni.

6.5.5. *Tnaqqis fid-domanda*

(294) Għalkemm kien hemm xi tnaqqis fid-domanda, kif spjegat fil-premessa (171), l-importazzjonijiet Ċiniżi żiedu s-sehem mis-suq tagħhom minn 6 % fl-2021 għal 10 % fl-RIP, filwaqt li l-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqsu. Barra minn hekk, l-investigazzjoni kkonkludiet ukoll dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet u s-soppressjoni tal-prezzijiet mill-importazzjonijiet Ċiniżi.

(295) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tnaqqis fid-domanda ma naqqasx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

6.5.6. *Konklużjoni dwar il-kawżalità*

(296) Kien hemm deterjorament ġenerali tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni fl-2023 u fl-RIP. Dawn iċ-ċirkostanzi negattivi ħabtu fiż-żmien ma' żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet tal-GFR mir-RPĊ, li saru bi prezzijiet oġġett ta' dumping li waqqgħu l-prezzijiet u l-kostijiet tal-industrija tal-Unjoni minkejja l-eżistenza ta' dazji anti-dumping u kumpensatorji.

(297) Ġew analizzati wkoll fatturi oħra li setgħu jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, instab li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, l-iżvilupp fis-suq kaptiv u t-tnaqqis fid-domanda ma naqqsux ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(298) L-investigazzjoni stabbiliet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ matul l-RIP. Kif spjegat fil-premessa (52), matul l-RIP żewġ produtturi tal-Unjoni waqqfu għalkollox il-produzzjoni tal-GFR minħabba kundizzjonijiet mhux favorevoli tas-suq.

(299) L-emenda tal-miżuri tippermetti lill-industrija tal-Unjoni żżomm u/jew terġa' tikseb is-sehem mis-suq tagħha, iżżid il-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità, iżżid il-prezzijiet biex tkopri l-kost tal-produzzjoni u tikseb livell ta' profittabbiltà li jkun mistenni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Abbażi ta' dan, l-industrija tal-Unjoni jkollha bżonn terġa' lura għal sitwazzjoni sostenibbli li tippermettilha tagħmel investimenti futuri.

(300) Iż-żamma tal-miżuri fl-istess livell x'aktarx twassal għal aktar telf tas-sehem mis-suq u deterjorament tal-profittabbiltà, li sar negattiv fl-2023 u fl-RIP. Dan possibbilment jikkawża għeluq addizzjonali ta' faċilitajiet ta' produzzjoni u sensji u b'hekk jipperikola l-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.

(301) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-emenda tal-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-GFR li joriġinaw mir-RPĊ tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

7.2. **Interess tal-utenti u tal-importaturi mhux relatati**

(302) L-ebda importatur mhux relatat ma ppreżenta ruħu u kkoopera f'din l-investigazzjoni billi ppreżenta tweġiba għall-kwestjonarju.

(303) Matul l-investigazzjoni żewġ utenti biss, Amiblu Holding GmbH u F.S. Fehrer Automotive GmbH, ippreżentaw ruħhom u pprovdew tweġibiet għall-kwestjonarju b'nuqqasijiet kbar. Il-Kummissjoni talbet lill-partijiet ikkonċernati biex jipprovdu l-informazzjoni pendenti; madankollu, huma ma kkonformawx ma' din it-talba fiż-żmien preskritt.

(304) Mal-bidu, utent ieħor, PROXIM, esprima oġġezzjonijiet għall-emenda potenzjali tal-miżuri. PROXIM asserixxa li ħafna utenti ma kinux jafu bl-investigazzjoni, u dan waqqafhom milli jissottomettu l-kwestjonarju fil-perjodu ta' żmien magħżul.

(305) Madankollu, il-Kummissjoni ħadet il-passi kollha neċessarji biex tiżgura li l-utenti magħrufa u l-importaturi mhux relatati kollha msemmija fit-talba jiġu nnotifikati kif xieraq. Barra minn hekk, ġiet ippubblikata Notifika tal-Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali, li tinforma lill-partijiet interessati kollha dwar l-investigazzjoni. Ġew ippubblikati wkoll kwestjonarji maħsubin għall-utenti u l-importaturi fuq is-sit web tal-każ ([119]).

(306) Fis-sottomissjoni tagħhom, l-utenti Tolnatext Fonalfeldolgozo es Müszakiszovet-gyàrto Bt. ("Tolnatext") u Dr. Günther Kast GmbH & Co., li huma parti mill-Grupp KAST, asserew li l-implimentazzjoni ta' miżuri kummerċjali addizzjonali taffettwa b'mod negattiv katina tal-provvista effiċjenti. Skont Tolnatext, minkejja li huma protetti mill-miżuri eżistenti, il-produtturi tal-Unjoni ma żidux il-kapaċità tagħhom li jfornu lis-suq tal-Unjoni bil-GFR biex jissodisfaw b'mod adegwat id-domandi tal-utenti. Barra minn hekk, huma nnotaw li ċerti faxex tal-fibra bħal faxex tal-fibra b'livell baxx ta' tex ma jiġux prodotti fl-Unjoni, u, għal xi whud, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa mill-utenti ma jiġux issodisfati mill-produtturi tal-Unjoni, u dan jagħmel lill-utenti dipendenti ħafna fuq id-disponibbiltà ta' prodotti speċifikati minn sorsi alternattivi. Fl-aħħar nett, l-utenti fl-Unjoni ntlaqtu b'mod negattiv mit-tnaqqis fir-rifużjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tar-RPĊ u b'oligopolju dejjem aktar ikkonċentrat ta' ftit produtturi tal-Unjoni. Kummenti simili ġew sottomessi minn PROXIM fis-sottomissjoni tiegħu dwar it-Tieni Nota tal-FOP.

(307) L-investigazzjoni ddeterminat li dawn l-asserzjonijiet ma kinux fondati. Kif enfasizzat fil-premessa (260), l-industrija tal-Unjoni għamlet investimenti sostanzjali minkejja kundizzjonijiet tas-suq diffiċli. Madankollu, espansjoni ulterjuri tal-kapaċità teħtieġ impenji kapitali fit-tul, li jibbażaw fuq iż-żamma ta' kundizzjonijiet ekwi fejn il-produtturi kompetittivi jistgħu jantiċipaw redditu ġust fuq l-investimenti. L-industrija tal-Unjoni kienet iffaċċjata wkoll b'importazzjonijiet inġusti minn pajjiżi oħra bħall-Eġittu ([120]) u kundizzjonijiet tas-suq diffiċli, inklużi l-impatti tal-pandemija tal-COVID-19.

([119]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2749.
([120]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 7.

(308) Il-GFR huwa fil-biċċa l-kbira prodott standardizzat. Minkejja diversi differenzi fid-dehra u differenzi potenzjali fl-applikazzjonijiet finali, it-tipi differenti kollha tal-GFR għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi u essenzjalment jintużaw għall-istess skopijiet. Għalhekk, l-utenti tal-GFR jistgħu jibdlu s-sorsi tal-provvista peress li sorsi alternattivi ta' provvista huma disponibbli barra mir-RPĊ, inklużi l-Malażja, l-Eġittu, ir-Renju Unit u sorsi oħra. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni għandha l-kapaċità, il-kompetenza u t-teknoloġija għall-produzzjoni ta' ħafna tipi meħtieġa bħal faxex tal-fibra b'livell baxx ta' tex. L-industrija tal-Unjoni ilha tagħmel investiment fl-innovazzjoni u ħadmet b'mod konsistenti mal-industriji downstream fl-isforzi tar-R&Ż (riċerka u żvilupp) biex il-prodotti jitfasslu b'mod effettiv. Sfortunatament, kif innotat fil-premessa (327), investimenti bħal dawn mhux dejjem setgħu jsiru minħabba l-kompetizzjoni ħarxa marbuta mal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ.

(309) Anke bit-tnaqqis fir-rifużjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tar-RPĊ f'Novembru 2024, fis-suq tal-Unjoni komplew jidħlu volumi kbar ta' importazzjonijiet. Dan issuġġerixxa li l-bidla fir-rifużjonijiet waħedha ma kellhiex impatt sinifikanti fuq id-dinamika tas-suq. Ġie analizzat it-tħassib dwar il-konċentrazzjoni tas-suq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li, b'mod ġenerali, il-korpi regolatorji jiskrutinizzaw bir-reqqa l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet biex jipprevjenu mġiba antikompetittiva. Tali kwistjonijiet, madankollu, jaqgħu barra mill-ambitu ta' din l-investigazzjoni kummerċjali. Abbażi ta' dan, dawn l-asserzjonijiet ġew miċħuda.

(310) L-utent OPTIPLAN GmbH issottometta l-kummenti wara l-iskadenza speċifikata fin-Notifika tal-Bidu, li tirrikjedi li l-partijiet interessati kollha jippreżentaw il-fehmiet, l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn tagħhom fi żmien 37 jum mill-pubblikazzjoni tan-Notifika. Fis-sottomissjoni tiegħu OPTIPLAN sostna li żieda fid-dazji anti-dumping u kumpensatorji kkombinati jkollha impatt fuq l-attivitajiet tiegħu peress li tfixkel il-katina tal-provvista tiegħu minħabba l-provvista limitata u l-ħtieġa li tikkwalifika fornituri ġodda. OPTIPLAN sostna wkoll li miżuri ogħla jżidu wkoll il-kostijiet tiegħu.

(311) Filwaqt li OPTIPLAN ma pprovda l-ebda evidenza biex jappoġġa l-asserzjoni tiegħu relatata man-nuqqas ta' provvista, il-Kummissjoni tirreferi għall-premessa (307) fejn din il-kwistjoni diġà hija indirizzata. Fin-nuqqas ta' tweġiba għall-kwestjonarju minn OPTIPLAN, l-asserzjoni relatata mal-kostijiet ma setgħetx tiġi vvalutata. Għalhekk, dawn il-kummenti ġew miċħuda.

(312) Wara d-divulgazzjoni, PROXIM argumenta li l-Kummissjoni ma qisitx kif xieraq is-sitwazzjoni u l-argumenti tal-utenti tal-Unjoni tar-rinforzi tal-fibra tal-ħġieġ (GFR). Hu sostna li l-utenti jinsabu f'pożizzjoni kompetittiva ferm aktar diffiċli mill-produtturi tal-Unjoni, partikolarment dawk li huma integrati vertikalment. PROXIM sostna wkoll li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi assistenza adegwata lill-utenti biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom fl-investigazzjoni, li rriżulta f'li t-tħassib tagħhom ma jiġix rifless kif xieraq fis-sejbiet.

(313) Il-Kummissjoni fakkret li l-utenti magħrufa u l-importaturi mhux relatati kollha identifikati fit-talba ġew infurmati kif xieraq dwar il-bidu tar-rieżami. Notifika tal-Bidu ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali, kwestjonarji għall-utenti u l-importaturi saru disponibbli online, u l-partijiet kollha ġew mistiedna jipprovdu kummenti u jitolbu seduti ta' smigħ. Diversi utenti, inkluż PROXIM, fil-fatt għamlu sottomissjonijiet, u l-partijiet li talbu seduta ta' smigħ ingħataw waħda. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-utenti ngħataw kull opportunità li jipparteċipaw, u li l-argumenti tagħhom tqiesu f'konformità mar-rekwiżiti proċedurali.

(314) PROXIM argumenta wkoll li, skont informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, fl-aħħar tal-2024 il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina naqqas il-livell tar-rifużjonijiet tat-taxxa fuq l-esportazzjoni għal ċerti kategoriji ta' prodotti minerali mhux metalliċi, inklużi linji tariffarji potenzjalment rilevanti għall-GFR, minn 13 % għal 9 %. Fil-fehma tiegħu, dan l-iżvilupp naqqas b'mod effettiv il-livell ta' sussidjar min-naħa tar-RPĊ u kien jenħtieġ li jitqies meta ġie stabbilit il-livell ta' miżuri kumpensatorji.

(315) Fir-rigward tar-referenza għat-tnaqqis tar-rifużjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tar-RPĊ fl-aħħar tal-2024, il-Kummissjoni nnotat li volumi kbar ta' importazzjonijiet sussidjati mir-RPĊ komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni anki wara dan it-tnaqqis fir-rifużjoni. Kif stabbilit fl-investigazzjoni, il-bidla fir-rifużjoni ma biddlitx materjalment id-dinamika tas-suq, li baqgħet ikkaratterizzata minn twaqqigħ tal-prezzijiet u soppressjoni sinifikanti tal-prezzijiet mill-importazzjonijiet Ċiniżi. Barra minn hekk, il-bidla fir-rifużjoni seħħet wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u għalhekk ma setgħetx titqies fid-determinazzjoni tal-livell ta' sussidjar f'dan il-proċediment.

(316) Barra minn hekk, PROXIM sostna li l-livell attwali ta' miżuri jirriskja li joħloq dannu lill-industriji downstream fl-Unjoni billi jżid il-kostijiet tagħhom meta mqabbla mal-kompetituri barra mill-Unjoni. B'mod partikolari, indika r-riskju ta' kompetittività mnaqqsa tal-utenti tal-Unjoni u r-rilokazzjoni possibbli ta' attivitajiet downstream barra mill-Unjoni. Għalhekk, PROXIM talab li l-Kummissjoni tiżgura approċċ aktar bilanċjat bejn il-protezzjoni tal-produtturi tal-Unjoni u l-interessi tal-utenti tal-Unjoni, sabiex jiġi evitat dannu sproporzjonata lil dawn tal-aħħar.

(317) Fir-rigward tal-asserzjoni li l-miżuri jżidu l-kostijiet tal-utenti u jnaqqsu l-kompetittività tagħhom meta mqabbla ma' operaturi barra mill-Unjoni, il-Kummissjoni sabet li kwalunkwe impatt fuq il-kostijiet huwa mistenni li jkun limitat minħabba s-sehem moderat tar-rinforzi tal-fibra tal-ħġieġ fil-kostijiet totali tal-produzzjoni u d-disponibbiltà ta' sorsi alternattivi ta' provvista. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri la jaffettwaw materjalment il-kompetittività tal-utenti tal-Unjoni u lanqas ma jwasslu għal rilokazzjoni ta' attivitajiet downstream. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-asserzjoni.

(318) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni u fin-nuqqas ta' tweġiba sinifikattiva mill-utenti u mill-importaturi, ma kien hemm l-ebda evidenza li tikkontradixxi l-konklużjoni li kwalunkwe impatt negattiv tal-miżuri fuq l-importaturi u l-utenti mhux relatati huwa mistenni li jkun limitat u mhux se jegħleb l-effett pożittiv tal-miżuri fuq il-produtturi tal-Unjoni.

7.3. **Interess tal-fornituri**

(319) Il-kumpaniji li jfornu reżina epossidika lill-industrija tal-Unjoni Olin Epoxy & Chemicals International (l-Istati Uniti), Westlake Epoxy BV (in-Netherlands) u Spolek pro chemickou a hutní výrobu, akciová společnost (iċ-Ċekja), esprimew l-appoġġ tagħhom għall-implimentazzjoni tal-miżuri. Huma enfasizzaw l-importanza li l-komponenti u l-materjali ewlenin kollha f'din il-katina tal-valur ikunu jinsabu fl-Unjoni biex tiġi żgurata r-reżiljenza f'setturi strateġiċi. Huma asserew ukoll li ż-żamma ta' tali preżenza se tagħti spinta lill-katina tal-provvista u ssaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tkun innovattiva u tirrispondi b'mod effettiv għad-domandi tas-suq.

7.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(320) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jiġu emendati l-miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-GFR li joriġinaw miċ-Ċina.

(321) Kif konkluż fil-premessa (267), l-industrija tal-Unjoni kienet qed iġġarrab dannu materjali fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Konsegwentement, il-livell kurrenti tal-miżuri ma għadux biżżejjed biex jikkontrobatti d-dumping li qiegħed jikkawża dannu.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI**

(322) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar id-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, huwa evidenti li l-miżuri eżistenti mhumiex qegħdin jiksbu r-riżultati maħsuba fit-tneħħija tad-dannu. Għalhekk, il-livell ta' miżuri eżistenti jenħtieġ li jiġi emendat biex ikun hemm prevenzjoni ta' dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni minn oġġetti ta' dumping.

(323) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping lill-industrija tal-Unjoni.

(324) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikoli 7(2c) u 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(325) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, għall-istabbiliment tal-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż taħt investigazzjoni, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ biex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni u l-livell ta' profittabbiltà li għandu jkun mistenni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Jenħtieġ li tali marġni ta' profitt ma jkunx anqas minn 6 %.

(326) Fir-rigward tal-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ, il-Kummissjoni eżaminat il-profitt miksub mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fuq perjodu ta' 10 snin. Ġie nnotat li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu preżenti fis-suq tal-Unjoni matul l-10 snin kollha u għalhekk ma kienx possibbli li jiġi stabbilit marġni ta' profitt abbażi ta' kwalunkwe waħda minn dawn is-snin qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ. Barra minn hekk, is-sena 2022 instabet li kienet influwenzata ħafna mill-irkupru ekonomiku ta' wara l-COVID-19 u ma dehritx xierqa biex jiġi stabbilit il-profitt fil-mira. Għalhekk, tqies li s-sena 2016 kienet xierqa peress li kienet l-aktar sena reċenti meta l-industrija tal-Unjoni operat taħt kundizzjonijiet normali tas-suq wara l-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping u kumpensatorji fl-2014. Fis-sena 2016, l-industrija tal-Unjoni għamlet profitt ta' 12,28 % filwaqt li l-importazzjonijiet mir-RPĊ kienu jammontaw għal 8 % tal-konsum tal-Unjoni ([121]).

([121]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 7.

(327) L-industrija tal-Unjoni pprovdiet evidenza li l-livell tagħha ta' investimenti, riċerka u żvilupp (R&Ż) u innovazzjoni matul il-perjodu kkunsidrat kienu jkunu ogħla f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni vverifikat din l-informazzjoni matul iż-żjarat ta' verifika fuq il-post billi vverifikat ir-rekords interni tal-kumpanija relatati mal-pjanijiet ta' investiment, mad-deċiżjonijiet ta' ġestjoni u mar-rapporti finanzjarji. Instab li l-asserzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni kienu ġustifikati. Sabiex tirrifletti dan fil-profitt fil-mira, il-Kummissjoni kkalkolat id-differenza bejn l-ispejjeż tal-investimenti, tar-R&Ż u tal-innovazzjoni ("IRI" - investments, R&D and innovation) f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni kif ipprovduti mill-Industrija tal-Unjoni u vverifikati mill-Kummissjoni bl-ispejjeż reali tal-IRI matul il-perjodu kkunsidrat. Abbażi ta' informazzjoni vverifikata dwar investimenti li ma setgħux jiġu implimentati matul il-perjodu kkunsidrat, il-marġnijiet ta' profitt fil-mira żdiedu b'bejn 0,26 % u 1,99 % skont il-produtturi inklużi fil-kampjun.

(328) Għalhekk, il-profitt fil-mira li ġie stabbilit f'din l-investigazzjoni u f'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku varja bejn 12,54 % u 14,27 % skont is-sitwazzjoni li nstabet f'kull waħda mill-kumpaniji inklużi fil-kampjun.

(329) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkalkolat prezz mhux dannuż tal-prodott simili għall-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġnijiet ta' profitt fil-mira rispettivi għall-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(330) F'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, bħala pass finali, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżura. Abbażi tal-informazzjoni sottomessa, li kienet appoġġata mill-għodod ta' rapportar u l-previżjonijiet tal-kumpaniji, il-Kummissjoni stabbiliet li ma kien hemm l-ebda kost addizzjonali ta' konformità ma' tali konvenzjonijiet matul l-RIP.

(331) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell tal-marġni tad-dannu abbażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li kkooperaw fil-pajjiż ikkonċernat, bid-dazji anti-dumping u kumpensatorji esklużi, bil-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni. Kif spjegat fil-premessa (230), fil-każ tal-produttur esportatur inkluż fil-kampjun Taishan Fiberglass Inc., il-bejgħ li sar skont il-ftehim ta' provvista speċjali mal-produttur tal-Unjoni European Owens Corning Fiberglas SPRL ġie eskluż mill-kalkoli tal-marġni tad-dannu.

(332) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħra li kkooperaw" u għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-RPĊ" huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji u l-importazzjonijiet (ara l-premessi (218) u (219)).

Kumpanija	Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu
CNBM Group	72,2 %
Jiangsu	87,3 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw, jiġifieri Chongqing Polycomp International Corporation	76,1 %
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-RPĊ	87,3 %

(333) Wara d-divulgazzjoni, Glass Fibre Europe indikat ċerti żbalji klerikali fil-kalkolu tal-marġni tad-dannu. Mar-rieżami ta' dawk il-kummenti, il-Kummissjoni identifikat u kkoreġiet l-iżbalji fil-kalkoli, li rriżulta f'aġġustament għall-marġni tad-dannu li ġie ddivulgat lill-produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw.

(334) F'konformità mal-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([122]) u sabiex jiġi evitat l-għadd doppju, il-Kummissjoni l-ewwel imponiet id-dazju kumpensatorju definittiv stabbilit. Id-dazji kumpensatorji baqgħu l-istess, bl-eċċezzjoni tad-dazju kumpensatorju ta' Jiangsu peress li għal din il-kumpanija d-dazju (4,9 %) ġie stabbilit fil-livell tal-marġni tad-dannu fl-investigazzjoni oriġinali. Dan kien segwit mid-dazju anti-dumping definittiv li kien fadal, li kien jikkorrispondi għall-marġni tad-dumping rilevanti mnaqqas bl-ammont tad-dazju kumpensatorju, u fil-każ ta' Jiangsu mnaqqas bl-ammont tal-marġni tas-sussidju (5,8 %). Billi l-investigazzjoni stabbiliet li l-marġnijiet tad-dumping kienu aktar baxxi mill-marġnijiet tad-dannu, għandhom jiġu imposti dazji anti-dumping fil-livell tal-marġnijiet tad-dumping. Peress li l-marġni tad-dumping tnaqqas bl-ammont kollu ta' sussidjar, ma kien hemm l-ebda kwistjoni ta' għadd doppju.

([122]) Ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1037/oj).

(335) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati li bihom se jiġu imposti tali dazji huma stabbiliti kif ġej:

AD u CVD ikkombinati	Marġni tad-dumping	Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu	Marġni ta' sussidju	Dazju kumpensatorju	Dazju anti-dumping
CNBM Group	33,2 %	72,2 %	10,2 %	10,2 %	23,0 %
Jiangsu Changhai Composite Materials Holding Co., Ltd.	23,0 %	87,3 %	5,8 %	5,8 %	17,2 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw, jiġifieri Chongqing Polycomp International Corporation	30,2 %	76,1 %	9,7 %	9,7 %	20,5 %
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-RPĊ	33,2 %	87,3 %	10,2 %	10,2 %	23,0 %

(336) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul dawn l-investigazzjonijiet fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. B'hekk, dawn ir-rati tad-dazju huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina".

(337) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([123]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li jintwera li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(338) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping individwali. L-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, l-importazzjonijiet jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping u kumpensatorju applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina".

(339) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, din ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) bl-għan li jivverifikaw l-preċiżjoni tad-dettalji li jinsabu fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mad-dritt doganali.

(340) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum, b'mod partikolari wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'tali ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet sabiex din issir. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/rati tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

([123]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Wetstraat 170 Rue de la Loi, 1040 Brussell, il-Belġju.

(341) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazji, id-dazji għall-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jenħtieġ li japplikaw mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda wkoll għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(342) Il-produtturi esportaturi li ma esportawx il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul l-RIP jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tilqa' talba bħal din dment li jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet. Il-produttur esportatur il-ġdid ikollu juri li: (i) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-PI (perjodu ta' investigazzjoni); (ii) mhuwiex relatat ma' produttur esportatur li għamel dan; u (iii) esporta l-prodott ikkonċernat wara dan jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jagħmel dan fi kwantitajiet sostanzjali.

(343) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 2023/1452 għandha tiġi sostitwita bit-tabella li ġejja:

Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
CNBM Group: — Jushi Group Co., Ltd.; — Jushi Group Chengdu Co., Ltd.; — Jushi Group Jiujiang Co., Ltd.; — Taishan Fiberglass Inc.;	23,0 %	B990
Jiangsu Changhai Composite Materials Holding Co., Ltd.	17,2 %	A983
Kumpaniji oħra li kkooperaw, jiġifieri Chongqing Polycomp International Corporation	20,5 %	B991
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	23,0 %	A999

Artikolu 2

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2023/1452 jista' jiġi emendat biex iżid produtturi esportaturi ġodda mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u jagħmilhom soġġetti għar-rata medja ponderata xierqa ta' dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur ġdid għandu jipprovdi evidenza li:

(a) ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (l-1 ta' Ottubru 2023 sat-30 ta' Settembru 2024);

(b) mhuwiex relatat ma' esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament, u li seta' kkoopera fl-investigazzjoni oriġinali; u

(c) effettivament esporta l-prodott ikkonċernat jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN